IT-TIENI KTIEB GUNJU
TAT-TNAX-IL-SENA 1936

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

Bdew jifhmu — Sbejħa Marija (A. G.) —L-Armonija fil-kitba tal-Proża Maltija (P. P. SAYDON) — In-Nemusa u l-Barri (R.M.B.)—Frak (D.K.)—Ħasibha tard (IVO MUSCAT AZZOPARDI) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.) -- Il-Poeżija tal-Ħajja (ĠUŻI CHETCUTI) — In-Nutari (ĠUŻE GATT) — Taħbit u ferħ ta' ħajja (Ġ. CHETCUTI) -— Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 (F. S. C.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1936

## BDEW JIFHMU

Iwa, ħafna bdew jifhmu illi hu dmir ta' kull Malti li jħares, jagħni u jorqom kemm jista' l-kelma maltija.

Aħna din il-kelma għandna: ġejja mnejn hi ġejja, hi kif inhi, din hi l-kelma tagħna; u liema hu dak il-ġens għaqli li ma jħobbx il-kelma tiegħu?

Xi wħud għadhom igħidu: Imma x'tiswielna din il-kelma? Min għandu kelma mrawma, maħduma, miktuba f'letteratura kbira u sabiħa, ħalli jħobbha u jqimha lill-kelma tiegħu, għaliex hi taqdih biex ifisser il-ħsebjiet tiegħu lil ġnus oħra fil-kummerċ, fil-politka, fix-xjenza: iżda meta din il-kelma ma hix imrawma, ma hix maħduma f'letteratura kbira qawwija, sabiħa, u flok ma tgħaqqadna ma' ġnus oħra aktarx tifridna minnhom, għalfejn taħli żmienek magħha? Għalfejn taħli għaqlek u qalbek tagħni u ssebbaħ ħaġa li ma tiswilekx?

Aħna naħsbu li dawn il-fliena li jitkellmu hekk, jew ma jitkellmux b'qalbhom f'idejhom, inkella għandhom dehenhom ftit u xejn igħar. Għaliex, ħaġa minn-awl-id-dinja, il-ġnus li l-lum għandhom kelma mrawma u maħduma f'letteraturi tal-għaġeb, bħal ma huma l-Ingliżi, it-Taljani, il-Franċiżi, it-Tedeski u bosta ġnus oħra, ma kellhomx il-lsien tagħhom imrawwem u għani minn l-ewwel: kien hemm xi żmien meta dak il-lsien kien għadu, biex ingħid hekk, miġbur fil-ġewża, u biex

fetaħ u ssawwar fil-warda tal-lum ħtiġulu bosta u bosta snin; u kieku n-nies ta' dak iż-żmien tħaddtu u ġiebu ruħhom bħal ma jitħaddtu u jġibu ruħhom dawn il-fliena tagħna, dawk l-ilsna ma kienu jitrawmu qatt anqas jinħadmu fil-letteraturi tal-għaġeb li semmejna: mela, dan, bil-maqlub ta' li jgħidu, imissu jħeġġiġna iżjed biex inħaddmu, inkabbru u nsebbħu l-kelma maltija, għaliex hekk biss tista' għada bitgħada tiftaħ f'letteratura xierqa lil ġens għaqli, ħawtiel, qalbieni, li jaf żmenijiet qodma, u li għandu isem sabiħ fl-istorja taċ-ċiviltà.

Iżda nerġgħu pass lura. Minnu li l-kelma maltija ma tiswielna għalxejn, lilna l-Maltin?

Jekk inħarsu min-naħa tal-kummerċ ma' ġnus oħra nistgħu ngħidu li ma tiswielna xejn; iżda jekk inħarsu minn ħafna naħiet oħra l-kelma maltija tiswielna daqs kemm tiswa l-kelma ingliża lill-Ingliżi, it-taljana lit-Taljani, il-franċiża lill-Franċiżi.

Il-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss: hemm ħwejjeġ oħra li jiswew daqs il-ħobż, u oħrajn li jiswew bosta aktar. It-trobbija tat-tfal fuq sisien tajba; it-tagħlim ta' prinċipji morali sħaħ liż-żgħażagħ; it-tagħlim fuq il-ħajja fuq is-saħħa, fuq l-imġiba xierqa fis-soċjetà huma kollha ħwejjeġ ta' siwi bla tarf, li mingħajrhom il-bniedem qatt ma jista' jieħu dik is-sura ta' ġieħ, ta' safa, ta' hena li tixraqlu tas-sew fil qagħda tiegħu ta' bniedem u ta' nisrani. Iżda min ma jafx li dan it-tagħlim lit-tfal u liż-żgħażagħ ma jistax isir sewwa ħlief bil-kelma tagħhom, jiġifieri, b'dik il-kelma li huma semgħu u tgħallmu minn ommhom, u li huma jifhmu bla tbatija, u li biha jitħaddtu u jfissru ħsebijiethom u qlubhom fil-ħabtiet kollha tal-ħajja ċkejkna tagħhom?

Smajna aktar minn darba lil xi wħud igħidu, issa b'leħen ta' mogħdrija u issa b'leħen ta' tmaqdir, illi

n-nies tagħna barra mill-ibliet u xi wħud minn dawk ta' l-ibliet għadhom lura, injoranti fil-ħwejjeġ kollha, u malli jsibu ruħhom quddiem nies li għaddew ilquddiem jinfixlu u jitħabblu bħal agħsafar ġox-xbiek.

Dan jista' jkun minnu, u, ngħiduh bla tlaqliq, għal xi medda hu minnu tassew. Iżda ta' min il-ħtija?

Min ma tgħallemx, jew ma riedx jitgħallem, jew ma satax jitgħallem, il-Maltin, bħal ġnus oħra, dejjem riedu, bħal ma għadhom iridu, jitgħallmu: iżda ried ikollhom min igħallimhom u fuqiex jitgħallmu, u dawn iż-żewġ ħwejjeġ il-Maltin tar-rħula fiż-żmien l-imgħoddi ma kellhom qatt.

Aħna naħsbu illi kieku fiż-żmenijiet ta' qabilna kien hawn aktar nies għorrief ta' fehma tajba u ta' qalb mixgħula bl-imħabba tal-Pajjiż u ta' ġenshom, bħalma kienu Don Lodoviku Mifsud Tommasi, Richard Taylor, il-Prof. G. A. Vassallo, il-Prof. Zerafa, Dr. G. C. Grech Delicata, il-Kanonku Fortunato Panzavecchia, Dun Amabile Sisner, Annibale Preca, Ant. Emm. Caruana, u tgħallmu, kif kien imisshom, is-sengħa talkitba maltija u taw lit-tfal, lix-xbejbiet u lir-rġiel tar-rħula tagħna kotba sbieħ u fejjieda bil-malti, dan il-għajb li jdellel fil-għajnejn ta' bosta min'na 'n-nies tar-rħula u oħrajn ta' l-ibliet, kien ikun bosta iżgħar, u huma kienu jkunu wisq aktar tajbin, wisq aktar ħenjin u wisq aktar dħulija.

Aħna fuq il-kelma maltija dejjem tkellimna minn qalbna, għax aħna nħobbuha fis-sewwa u fil-ġid li tista' tagħmel, u naħsbu li dawn il-fehmiet li fissirna hawn fuq, huma t-trieq li minnha għaddejjin ħafna kittieba tajba li issa *bdew jifhmu.*

# SBEJĦA MARIJA

Oh! xi sbuħija:
Kewkba għodwija
Sebħ ir-rebbiegħa,
Firxa lewn warda,
Xemx liebsa d-dija
Sema kaħlani,
Sħaba tal-fidda,
Qamar fil-milja:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xagħri li jħaddar,
Siġra ferrieħa,
Warda ħamrana,
Susan bajdani,
Sur għoli w qawwi,
Torri tas-saħħa,
Belt ewlenija:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

Oh! xi sbuħija:
Xefaq imdawwal,
Baħar bla mtarraf,
Ilma kaħlani,
Mewġa silġija,
Xmajjar li jiġru,
Gliegel għannejja,
Għajn l-ilma safi:
Wisq minn dawn kollha
Isbaħ Marija.

L-Għodod li jdoqqu,
Qalb imgħoxxija,
Leħen il-kwiekeb,
L-ilsna tal-bniedem,
Moħħ ruħ minn-Alla,
Fomm ta' koll ħliqa:
Ħadd ħadd ma jfisser
Qatt qatt ma jista'
Kemm int sabiħa,
Sbejħa Marija!

Int isbaħ mill-kwiekeb
Int aqwa mill-qamar,
Int idwal mix-xmejxa,
Int akbar mid-dinja,
Int ogħla mill-anġli.

Il-ġabra tal-ħlejjaq,
L-art, l-ibħra, w is-sema,
Flimkien b'ilsien wieħed
Mistagħġba jsellmulek:
Ta' kollha s-sbuħija
Il-ġabra int, Marija;

25/iii/36 — A. G.

# L-ARMONIJA FIL-KITBA TAL-PROŻA MALTIJA

Il-kitba hija sengħa tal-moħħ. Jekk fis-Snajja' l-oħra tal-Ġmiel id-daqs, il-lewn, id-daqq jiġbdu, iżommu, ijassru l-għajn u l-widna, fil-kitba l-ħsebijiet, il-fehmiet, ix-xewqat u t-tqanqil tal-qalb, misturin taħt il-kisja tal-kelma maħżuża li u la tolqot il-għajn bi ġmielha u anqas il-widna bi ħlewwitha, jidħlu dritt f'moħħ il-qarrej u f'qalbu, jirbħuh bi ġmielhom u b'qawwithom u jqajmu ġo fih il-ħajja li fawret f'moħħ il-kittieb. Għalhekk il-kitba, aktar mis-Snajja l-oħra tal-Ġmiel, hija sengħa ruħana, għax titwieled fir-ruħ, tgħix fir-ruħ u taħdem fuq ir-ruħ.

Iżda l-kitba meta naqrawha mhux bil-moħħ biss, imma b'leħen għoli, jew b'leħen sieket li jinstama' biss mir-ruħ, tolqot ukoll il-widna u bħas-sengħa tad-daqq, għandu jkollha dik il-ħlewwa, dak it-tiżwiq u tirkib ta' ilħna tqal u ħfief, miftuħa u magħluqa, mkarkra u maħtufa, li jxebbhu dik id-daqqa li tkun tidwi ġewwa ruħ il-kittieb imqanqla mill-qawwa tal-ħsebijiet u mkebbsa mil-leħġa tax-xewqat. Jafuh dan il-poëti li jqabblu l-versi mad-daqqa ta' qalbhom. Imma l-proża wkoll għandha l-mużika tagħha, għandha l-armonija tagħha li jħossha l-kittieb ġewwa fih u jrid ifissirha bi kliem imqassam bi qjies sabiħ. Mhix armonija tal-poëżija, li hi marbuta mar-regoli li joħolqu dak it-tmewmiġ fil-versi li jgħidulu *ritmu*, iżda armonija oħra, ħielsa minn regoli, nieqsa mir-ritmu, imma ħelwa fil-widna.

Il-liġi ta' l-armonija fil-kitba tal-proża ħassewha u fehmuha l-akbar kittieba qodma ta' Ateni u ta' Ruma. Demósteni u, warajh, Ċiċerun fid-diskorsi tagħhom quddiem is-Senat,—ġmiel ta' kitba li ma jidbielx maż-żmien,— barra milli jagħżlu l-kliem u jorbtuh bi ħlewwa u b'qawwa li tolqot u tqanqal u tirbaħ, kienu jħobbu wkoll imellsu l-widna b'daqqa sabiħa f'tarf il-perijodu. Jiġifieri fil-kitba ta' dawn iż-żewġ oraturi kbar bosta drabi l-perijodu jagħlaq b'kelma jew kelmtejn li s-sillabi tagħhom, twal u qsar, jagħmlu kadenza li ddoqq ħelu fil-widna.

Mijiet ta' snin wara, il-kittieba Għarab kellhom sengħa oħra jew liġi oħra fl-armonija tal-proża — ir-rima—. Fil-Quran u fil-proża mirquma aktar bir-reqqa, l-aħħar kelma tal-vers tirrima ma' l-aħħar kelma tal-vers ta' qabel

jew ta' wara. Il-versi jew perijodi ma għandhom l-ebda ritmu u l-ebda kadenza, iżda rima biss, li tibqa' sejra sa erba' versi jew iżjed, u titbiddel kif irid u meta jrid l-kittieb.

Din il-liġi, ftit jew wisq, iħossuha l-kittieba kollha tal-proża, ikunu ta' liema ġens ikunu, jekk inhuma kittieba tajba u mkissra f'dak ix-xogħol; għaliex din il-liġi għandha s-sisien tagħha fin-natura, imma tinħass aktar u aħjar fejn is-sens tas-sabiħ sar iżjed dilikat u fejn is-Sengħa tal-Ġmiel għaddiet aktar il quddiem.

* * *

Il-kitba tal-Malti għandha l-armonija tagħha wkoll. Ma nafx iħosshiex kull ħadd, jew aħjar, ma nafx jifhimhiex kull ħadd, Għax kull ħadd iħoss li proża mhix bħal oħra, li waħda aktar ħafifa fil-mixja u aktar ħelwa fid-daqqa, u oħra aktar tqila u aktar iebsa. Xinhu li jagħżel kitba minn oħra ?

Nistqarr għalija n-nifsi li bosta drabi jiena u nikteb inħoss li kelma,—nom, aġġettiv, verb,—għalkemm tfisser tajjeb il-ħsieb tiegħi, trid magħha kelma o ħ r a li ma tbiddel xejn il-ħsieb iżda, marbuta mal-kelma l-oħra, bħal żewġ noti magħqudin f'akkordju, toħloq ħlewwa li togħġob lill-widna. U għalhekk it-tieni kelma għandu jkollha dak il-għadd ta' sillabi, dak il-qjies ta' vokali, dik il-qagħda ta' aċċent li jaqblu mal-kelma ta' qabel. Xi drabi wkoll inħoss li kelma għandi nqallibha minn fejn hi u nqegħidha qabel jew wara fejn l-aktar iddoqq ħelu fil-widna.

Infissru aħjar b'eżempi x'inhi l-armonija tal-proża Maltija.

> "tibqa' tixgħel u tħeġġeġ il-ħajja tal-ħedma tiegħu, ta' dik il-ħedma li minn ruħu tnisslet u ssawret". (*Ward ta' Qari Malti*, faċċ. 199).

Ara x'effett għandha l-aħħar kelma ! Neħħiha, u l-perijodu jitlef id-daqqa tiegħu. Jew inkella, biddilha u flokha ikteb: *u ħadet sura*, jew qalleb il-kliem hekk: *li tnisslet u ssawret minn ruħu*, u flok armonija tħoss daqqiet bla ħlewwa u bla togħma.

> "... kollox hu ġema', kollox hu qiegħed fiż-żġieġ b'dehen ta' għaref u bi mħabba ta' qalb mixgħula". (*Hemm*, faċċ 200).

Iż-żewġ kelmiet: *qalb mixgħula* jagħalqu l-perijodu b'kadenza sabiħa.

"Faraġ kbir inħossu f'qalbna meta naraw il-qari tagħna sejjer dejjem jinxtered" (*Leħen Il-Malti*, Nru 25, faċċ. 1).

It-taqsim tal-kliem f'dan il-perijodu fih xi ħaġa li tixbah lir-ritmu. L-ewwel erba' kelmiet huma vers tat-tmienja, bl-aċċent fuq it-tielet u s-seba' sillaba; l-aħħar tliet kelmiet huma vers tas-sebgħa. Inbiddlu issa u nqallbu l-kliem: "Inħossu f'qalbna faraġ kbir meta naraw il-qari tagħna dejjem jinxtered", jew hekk: "Inħossu faraġ kbir f'qalbna .." u l-ħlewwa tal-perijodu tħossha titbiddel, titħassar, tintilef.

"... u mat-tifkira għażiża jqanqal f'qalbna taħbit ta', mħabba ħierqa u jislet minnha kliem..." (*Leħen il-Malti*, Nru. 31, faċċ.).

Min ma jħossx li l-aġġettivi *għażiża* u *ħierqa*, għalkemm fihom infushom ma jżidux ħlief ftit dawl lill-ħsieb ewlieni ma jistgħux jitneħħew bla ma titħassar id-daqqa tal-perijodu?

"tjun ta' xibrejn fix-xtiewi; trab mikwi li joqtlok fis-sjuf;.... ħaġa ma ssibx illi tferraħlek qalbek...." (*Ward...*, faċċ. 49).

Aqra b'leħen għoli u meqjus dal-kliem, u ma tafx intix taqra proża jew poeżija. L-ewwel tliet kelmiet huma vers tas-sebgħa, li għandu d-daqqa tal-poeżija *Is-Sliem*: "Ħelwa mal-ward titbewwes" (Dun Karm *Il-Malti*, Marzu 1930, faċċ. 22). L-erba' kelmiet ta' wara: *trab... sjuf* huma vers tad-disgħa, li jaqbel mal-versi tal-poeżija *Kewkba*: "Int tiġri w ma tieqaf imkien" (Dun Karm *Il-Malti*, Marzu, 1930, faċċ 26). Il-kelmiet: *ħaġa... qalbek* huma vers tal-ħdax, li tħassru jekk tqalleb il-kliem hekk: *Ma ssibx ħaġa...*, jew tbiddel *illi* f'*li*. Ġalanton Vassallo, li minnu ħadna dan l-eżempju, hu wieħed mill-kittieba li l-aktar jolqtu l-widna.

"Le, il-mara ma ġietx fid-dinja biex tiddandan u tiżżejjen xbejba; biex titgħajjeb u tqassas meta tkun miżżewġa; jew biex tgemgem u titbekka u terfa' salib ħadd ieħor meta tixjieħ." (P. Bellanti, *Ward...* faċċ. 165).

Tliet perijodi; l-ewwel tnejn jagħalqu b'kadenza ħafifa u mgħaġġla, u l-aħħar wieħed jagħlaq b'kadenza aktar twila u tqila.

Nagħżlu xi eżempi mill-proża ta' Dun Karm u niktbu b'ittri mmejlin il-kliem li jagħlaq perijodu b'kadenza:

"... l-art fejn għad jinżel *fit-tgħanniqa tal-mewt*." (*Il-Malti*, Marzu 1929, faċċ. 3).

"... u l-qawwa li toħroġ minnha nfisha rimi, friegħi, ward, *u biż-żmien il-frott*". (*Hemm*).

"... jekk minn fuq ma kenitx miżmuma *fid-dell*, milquta *mir-riħ, mirgħija mid-dud*". (*Hemm*, faċċ. 4).

"... issa jieħdu xejra, issa jieħdu oħra, u xejn *ma jibqa' kif ikun*". (*Hemm*).

"... ħabib tas-sewwa, għadu ta kull għamil *li jgħajjeb, li jtabba'*". (*Il-Malti*, Marzu 1930, faċċ. 3).

"... u minn qalbna tixref fuq xufftejna bi tbissima *u b'xi klejma ta' ferħ*". (*Hemm*, faċċ. 4).

"... ġmiel illi jħaddan il-ħsieb aktar *milli jqanqal il-qalb*". (*Hemm*).

U nistgħu nżidu ħafna u ħafna eżempji oħra, u nuru li l-Malti, f'idejn min jaf jaħdmu bis-sengħa, jista' jitleħħen f'daqqa ħelwa xejn inqas mill-ilsna ta' Ateni u ta' Ruma. Regoli li jmexxu din l-armonija tal-proża ma nistgħux nagħtu; l-ewwelnett għax għadha mhix magħrufa biżżejjed, u t-tieni għax dawk id-dehriet ta' ġmiel li jleħħu f'moħħ il-kittieb, u dak id-daqq ħelu li hu jħossu jidwi f'qalbu jaqbżu kull xkiel ta' regoli u jitilfu ġmielhom u ħlewwithom malli jitjassru għal-liġi miktuba. Ħaġa waħda nistgħu ngħidu: il-proża mhix poeżija, u għalhekk l-armonija jaħtieġ li tkun flokha, għaliex is-sabiħ jibqa' sabiħ sa kemm idum f'loku; iżjed, it-taqsim tal-kliem ma għandux ikun kontra l-grammatka, is-sintassi jew l-istil tajjeb, u għalhekk ma nistgħux infaħħru l-kittieb tar-rumanz *Inez Farruġ* meta jikteb: *jersqu kienu*, *bdew kienu*, *twassal kienet* u ħafna oħra.

Jitgħallmu l-kittieba ż-żgħażagħ tal-proża jorqmu l-kitba tagħhom, u l-aktar il-kitba ta' xejra għolja, b'din iż-żina, li mhix l-iżgħar waħda li ssebbaħ il-kitba Maltija.

**P. P. Saydon.**

# In-Nemusa u l-Barri.

Kien jum tas-sajf; l-għomma ħakmet qatigħ;
nemusa minn moqbejl (1) kien ilha qiegħda
fuq qarn ta' barri mperrċa għall-frisk tistrieħ,
tiddandan sieq fuq sieq, hemmfuq bil-qiegħda.

U biha l-għatx; lemħet satal fuq bir
u tħajret tmur u tixrob minn ġe fih—
Inħarrek ftit ġwenħajja w dlonk intir;
inżarżar naf daqs tromba u ntir bħar-riħ.

—U resqet sewwa lej' widint il-bhima,
u żanżnet erba' żanżiniet bis-sħiħ!
qabel ma telqet u tagħtu tislima,
staqsietu jekk iridx l'hija tħallih.

Weġibha l-barri:—xejn ma rajtek ġejja
u lanqas biss ninduna, meta tmur....
Xejn ma ħassejtek; lanqas naf l'int ħdejja!...
llek titlajja xejn hawnhekk u ddur?....

Bosta jifhmu l'huma tlieles (2)
bid-djamanti, jiswew wisq!
Moħħhom dawn mimli bil-flieles
u ma fihom ebda riżq!

R. M. B.

# Frak (biex ma jintilefx)

## XEWQAT TAL-MILIED

Mill-ġonna tal-larinġ xtaqt niġbor qabda
żahar li jfewwaħ taħt ix-xemx t'April,
inħallat miegħu xi wardiet tas-silla
li jħammru qabel jibda s-Sajf qalil:

Nagħmel bukkett, nofs abjad u nofs aħmar,
marbut bi xniexel tal-ħaxix tal-Wied,
ngħabbih b'xewqat ta' Saħħa, Ġid u Hena
u ntih lil Mr. Arkell għall-Milied

Dun Karm.

(1) Minn kmieni.
(2) Xkejjer kbar.

# ĦASIBHA TARD

Past and to come seems best;
Things present worst.
SHAKESPEAR.

"Iġri nispiċċa minn din l-imgħarrqa skola," qal, bejnu u bejn ruħu, Temi, malli ra lis-surmast jipponta lejh sebgħu-l-werrej u jgħidlu, bil-herra, biex jitlaq il barra, mill-klassi.

L-imsejken żagħżugħ kien ftit u xejn imħareb u kemm kien ilu l-Liċeo mhux l-ewwel darba li weħilha ta' xejn. Tassew li kultant kien ikollu ħtija għax, imqarqaċ kif kien, kien iħobb iwieġeb ħażin kemm 'il missieru u 'l ommu kemm ukoll lis-surmastrijiet, imma, ħafna darbi, kien jeħel ta' xejn b'xejn; id-dar bil-ħtijiet ta' ħutu u l-iskola b'dawk ta' sħabu.

Issa ma kienx fadallu ħlief sena għall-Matrikola u ma kienx jieħu gost mita jiġi mkeċċi mill-klassi, imma, għal kastig hekk żgħir, ma kienx sejjer jagħmilha ta' spjun. Imma anqas kien sewwa li għandu jkun ippersegwitat mis-surmast.

"Kemm kont aħjar mita kont ċkejken. Taħbit ta' studju xejn, norqod kemm irrid u kemm jogħġobni, nilgħab il-ġurnata kollha u, minn fuq, bews minn għand ommi, flus f'buti minn għand missieri u zijieti, u żegħil minn għand nannti. Iġri nikber ħalli nkun indipendenti, flus naqla kemm irrid u ma nara nġustizzi minn għand ħadd."

U b'dawn il-ħsibijiet iduru ma' rasu telaq ilbarra mill-klassi bla kliem u bla sliem. Ħareġ mill-bieb li jagħti għal Strada San Paolo, lewa għal Strada Cristoforo u mexa qajla qajla għall-Barrakka t'Isfel.

Kienu għadhom l-għaxra u nofs, u kieku mar id-dar dak il-ħin, malajr kienet tinkixiflu l-borma.

Malli wasal il-Barrakka, imdejjaq għall-mewt zoptu, inxteħet fuq bank iħares lejn il-Port min-naħa tal-Marsa; u f'dik id-dieqa ta' qalb, deħru quddiemu qabda swar, wieħed ogħla mill-ieħor, kollha jħarsu lejh bid-daħka u jistiednuh biex...... jeħodha għal rasu minn fuqhom u jtemm, f'kemm ili ngħidlek, id-dwejjaq u l-imrar ta' din id-dinja. Iżda Temi ma kienx ta' dan. Temi kien ukoll xi ftit poëta u student ħabrieki tad-disinn u jekk quddiemu kellu dawk is-swar qarrieqa, warajh kellu elf warda li bdew jitfgħulu riħa li taqsam bħallikieku riedu jfakkruh fis-sbuħija tal-ħajja u, iżjed lisfel mill-iswar, kien hemm ukoll baħar li jgħaxxaq, b'ħafna dgħajjes, imżewqa b'kull lewn, jiġru qishom għażżiliet.

U f'dik il-ħemda, bi ħsibijiet koroh u oħrajn sbieħ, jiġru wara xulxin f'dak il-moħħ aktarx tari, Temi marret għajnu bih u raqad.

* * *

La taħsbux li Temi, jew aħjar l-avukat Temi Micallef, għadu rieqed fuq il-bank tal-Barrakka t'Isfel. Xejn minn dan, Temi, għalkemm fuq tiegħu u mqareb f'għamilu, ma kien xejn ħmar, u wara l-Liċeo daħal dritt l-Università, fejn, mingħajr ma weħel f'ebda eżami, sar avukat, mhux biss, imma fl-eżami tal-Lawrja ġie wieħed mit-tajbin.

Sar avukat, imma billi sar avukat ma jfisserx li kien laħaq xi ħaġa kbira jew li kien mess is-sema b'idu. Avukati, fid-dinja, hawn bl-eluf ta' l-eluf u Malta, għaċ-ċokon tagħha, miżgħuda bihom. Għalhekk l-avukat Temi Micallef kien sejjer ivara f'baħar aktarx imċaqlaq, fil-baħar tal-ħajja, dgħajsa l-aktar dgħajfa.

Ma għandna xi ngħidu xejn : il-karriera bdieha, kif jibbieha kulħadd, bla ebda klijent; imma din kienet ħaġa li timportha lilu biss u mhux lin-nies tal-Ħamrun fejn l-avukat Micallef kien joqgħod. Għan-nies tal-Ħamrun l-avukat Micallef kien avukat u— is-sinjuri avukati— huma nies għonja. Għalhekk il-partitarji tal-Każin tal-Banda, il-Mexxejja ta' dak l-Istitut, l-Inkarigati minn l-arbular ta' dik il-Festa, bdew kollha, u ta' spiss, imorru jsibu lis-sur Avukat, ħalli jiddubbaw xi ħaġa.

Temi kien iħokk rasu imma, bil-qalb it-tajba, kien ikollu jdaħħal idu fil-but u jagħti.... jagħti xi ħaġa.... ħalli n-nies ma tgemgimx, ħalli l-ilsna ħżiena jisktu, ħalli l-fama tikber. X'ridtuh jagħmel la kien Avukat ? L-avukati għandhom iżommu ruħhom tajjeb. U biex ma jagħmelx figura ħażin kien jiċċaħħad minn ħwejjeġ oħra. Teatri xejn, jekk mhux b'xejn; ċinematografi l-istess; qgħad fil-kafejiet anqas biss bil-ħsieb, jekk mhux fil-għodu mita jistiednu xi klijent. Għax issa ż-żmien kien beda għaddej ġmielu u xi klijent 'l hemm u 'l hawn beda jidher, għalkemm bil-qajla u bit-tbatija, tafux ! għax mita kien jistaqsi lil xi msieħeb tal-Każin tal-Banda, jew lil xi mpjegat għoli ta' xi Istitut, jew lil xi wieħed minn dawk li dejjem jiġru bl-arbulari tal-Festi : "Kif kien ma tiġux għandi ?" kienu jwiġbuh : "Aħna għandna lil Dak l-avukat iservina, ma nistgħux nibdluh għal xejn b'xejn." U kien ikollhom raġun. !

Insomma l-avukat Micallef kien qiegħed jitħabat, mhux ftit, mal-ħajja u kien beda jiftaħ trieqtu bil-għaraq ta' ġbinu u, mita kien ikun waħdu, id-dar, kien iħares lejn il-librerija, jilmaħ fost il-għeżież kotba tiegħu, dawk ta' l-iskola, u kien iċaqlaq rasu b'sogħba u jaħseb: "Eh! Dawk kienu żminijiet! Żminijiet ta' daħk u ta' hena... u ta' bla tbatija. Żmien ta' Żogħżija mita kull ħaġa tad-dinja tittieħed biċċajt. Iġri jgħaddu xi għaxar snin ħalli joktru l-klijenti u nieħu ftit ir-ruħ. *Fejnu żmienek, ja ħerba!*"

Bi ħsibijiet bħal dawn ta' mrar iberrnulu rasu, u moħħu għajjien bil-ħsibijiet tax-xogħol, intelaq fuq pultruna u qabad f'idu, ħalli jderri, ktieb tal-poëżija. Imma mita l-moħħ ikun għajjien, mistrieħ irid; u bil-ktieb f'idu b'kollox, għajnu marret bih u raqad......

* * *

U għat-tieni darba sejjer ngħidilkom: la taħsbux li l-avukat Micallef, jew aħjar il-Professur Micallef, għadu rieqed fuq il-pultruna ta' l-istudju tiegħu fit-Trieq Irjala tal-Ħamrun. Xejn minn dan.

Il-Professur Micallef, minn dak iż-żmien li rajnieh l-aħħar ħadem bla heda u għamel karriera mill-isbaħ, u ġabar ma dwaru klijenti addoċċ; imma iżjed ma żdied il-għadd tal-klijenti iżjed naqset saħħtu u kiber f'għomru, u xjieħ qabel iż-żmien. Mill-Ħamrun kien ilu li telaq u mar joqgħod il-Belt, Strada Stretta, f'dar kbira minn dawk il-qodma ta' żmien il-Kavalieri. Strada Stretta, ħiemda ħiemda, kienet tgħodd ħafna għalih.

Issa kellu 52 sena imma kien jidher ta' wisq iżjed. Wara l-mewt tal-Professur X., kien laħaq professur tal-Liġi Kriminali fl-Università; iżda, b'dana kollu, ma kienx ħieni. L-istudenti kienu jbaqbquh iż-żejjed (imma aktarx wisq anqas milli, fi żmienu, kien ibaqbaq huwa lill-professuri tiegħu) u għalhekk kien imur igħallem fuq il-qalb u kien ħa din il-biċċa xogħol fuq demm id-dars.

Il-flus, kif tistgħu taħsbu, issa ma kinux jonqsuh, imma kienet tonqsu ħaġa li hi aqwa mill-flus. Kienet tonqsu dik it-Tama ta' *dak-li-ġej.*

Id-divertimenti ma kienx iħobbhom u l-aħjar żmien kien igħaddih magħluq id-dar imdawwar bil-kotba tiegħu u dlonk kien joqgħod jiftakar fiż-żminijiet sbieħ ta' l-imgħod-

di. Mita kien il-Liċeo, jikteb il-poeżijiet fuq is-surmastrijiet u ma jimpurtah minn xejn. U xi ngħidu mbagħad għall-Università? dak kien żmien! Wara waslet il-Lawrja, ferħ minn għand kulħadd. Tal-Ħamrun malajr kienu ħatruh President tal-Banda u President tal-Każin tal-Football. Eh! dik kienet ħajja! U kemm kienu tkellmu fuqu n-nies mita, fil-bidu tal-karriera tiegħu, ħeles lil Peppi "ta' ċarruta" minn kundanna żgura! Qabel beda l-Ġuri kulħadd kien qal li Peppi kien qed jilgħab rasu, imma l-avukat Micallef kien jagħmel il-mirakli, u għaref iħawwad il-Ġurati b'mod tali li kellhom jibagħtu 'l Peppi 'l barra għal nuqqas ta' provi ċari kontra tiegħu.

Imma issa kollox kien intemm għall-Professur Micallef. Fil-ħbieb ma kienx jafda, u l-veri ħbieb tiegħu kienu biss il-kotba. Għall-ewwel kien taha biex jaqra r-rumanzi u kotba tal-poeżija; wara tefagħha għat-trattati, u fl-aħħar inxeħet b'ruħu u ġismu għall-klassiku. Kif kien jaf tajjeb bil-malti, kien jaf ukoll bl-ingliż, bit-taljan u bil-franċiż, u l-iżjed li kien iħobb jaqra — għalkemm kien imur wisq ftit it-Teatru — kienu l-ħwejjeġ tal-Palk u, fost kulħadd, kien iżomm bħala wieħed mill-akbar, lil Shakespear.

U jum minn dawn, b'moħħu miżgħud bil-ħsibijiet ta' l-imgħoddi, qabad f'idejh, kif ġie ġie, ktieb ta' l-awtur l-aktar miqjum minnu. Anqas biss ra liema kien għax għalih Shakespear kien kbir fl-opri tiegħu kollha.

Fetaħ il-ktieb u beda jaqra, jaqra, jaqra...... u fost dawk il-frażijiet ta' l-akbar dehen sab din:

*Past and to come seems best — Things present worst.*

u għal żmien twil baqa' ssumat iħares lejn dik il-paġna u jixtarr dik il-frażi li, għalkemm ma kien fiha xejn ġdid, ma kien qatt ħaseb fuqha qabel.

"Dnub," qal fl-aħħar bejnu u bejn ruħu, "li qatt ma qrajtha qabel."

Lixandra, 20 ta' Novembru, 1935.

Ivo Muscat Azzopardi

# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Marzu paġ. 19)*

Kif fissirna, l-ewwel Grammatka Maltija (1791) ta' Vassalli hija mqassma fi tlitt kotba jew taqsimiet. Fl-Ewwel Taqsima hemm mogħtijin ir-reguli tal-kitba maltija li kienu mfissrin fil-qosor bil-Malti fl-ewwel xogħol ta' Vassalli fuq l-alfabet malti li semmejna hawn qabel, kif ukoll fl-aħħar biċċa ta' din il-Grammatka stess bħala Taħriġ tar-reguli fuq il-Kitba Maltija (*Praxis*).

It-Tieni Taqsima titħaddet fuq il-Bċejjeċ tad-Diskors, jew kif il-lum imsejħin mill-grammatiċi, *Morfoloġija*, li huma n-Nom u Aġġettiv; l-Artiklu, il-Għadd, il-Pronomi, il-Verb u Partiċelli.

In-Nom hu mqassam skond il-għamla u x-xorta. Man-Nom jidħol l-Aġġettiv. Ix-xorta tan-Nomi titqassam *f'ewlenija* u fi *mnissla*; taħt dawn ta' l-aħħar hemm biċċa mnisslin min-Nom u oħrajn mill-Verb. Fin-Nom jingħataw tagħrifiet u reguli fuq il-Ġens Imżewweġ u fuq il-Għadd Miksur, u għamliet tiegħu, minn Vassalli msejħin *Plurali Irregulari*; bini ta' Nomi u taħt din ir-ras: il-Mimmati, l-Aġenti, il Komparativ u Superlativ, id-Diminuttiv jew ismijiet taċ-ċokon, id-Deklinazzjonijiet tan-Nom; Isem il-Għadd jew Numerali; il-Pronomi, personali, relativi. mehmużin. Il-Verb hu mqassam f'Ewlieni, imsejjaħ *Radikali* u Mnissel, imsejjaħ *Miżjud*. It-taqsim tal-Verb Ewlieni jimxi fuq il-vokalizzazzjoni tal-Preteritu, Futur u Imperativ u għalhekk il-Verb jinferaq f'Disat Irjus u dawn imbagħad f'Fergħat.

Din il-vokalizzazzjoni, kif ifiehem Vassalli, hija dik li aktarx tinsama' l-għaliex tiġi li titbiddel f'xi djaletti ta' Malta u Għawdex. Għal kull waħda minn dawn l-Irjus u Fergħat tingħata l-Konjugazzjoni ta' kull għamla ta' Verb bħala *mudell.*

Naraw li fit-taqsim ta' dawn il-Verbi, Vassalli ma għażilx dawk li huma Sħaħ minn dawk li huma Dgħajfin, Neqsin, eċċ. u lanqas dawk li huma Torox u Moħfijin. Ma' dawn il-Verbi Ewlenin daħħal it-Trilitteri b'vokali twila bejn it-tieni u t-tielet konsonanti li fil-grammatki tal-lum, fuq dik tal-Għarbi, huma magħdudin ma' l-Imnisslin. Il-għamla tal-Verb Imnissel imqassma f'disa' forom. Dawna jaqblu ma' oħrajn miġjubin fi grammatiki oħra tal-lum. Taħt il-Verbi *Anomali*, *Difettivi* (neqsin) hemm imsemmijin il-verb *kiel*, *mar*, *ħa qal*, *af*, *naf* illi fil-Konjugazzjoni tagħhom ma jimxux ma' dik ta' verbi oħra. Il-Verb jagħlaq b'xi Tempi Sekondarji tal-Verb imsejħin *Aċċidenti Impropriji tal-Verbi*, u modi li

jitfissru wkoll bil-għajnuna ta' partiċelli, u bit-Tifsira tal-Verbi. Il-Partiċelli li bihom tagħlaq il-morfoloġija huma mqassmin fi tnejn, f'*magħqudin* u f'*magħżulin*.

Is-Sintassi hija l-iċken taqsima tal-Ktieb u titħaddet fuq il-bini u rabta ta' Nom ma' ieħor, ta' Verb ma' Verb ieħor u ta' Verbi ma' Nomi u ta' dawn ma' Verbi, bini u rabta ta' Pronom ma' bċejjeċ oħra: nom, verb jew partiċelli. Fl-aħħarnett il-Grammatka tagħlaq b'xi tagħlim u tifsir fuq frażijiet maltin mibnijin fuq partiċelli u verbi ma' pronomi.

Sentejn wara, kif fissirna qabel, kien ħareġ ktejjeb fejn jagħti t-tifsira tat-tliet epigrafi ta' oqbra b'karattru kufiku. "Tria Monumenta Lapidea Sepulcralia Kufico-Arabico-Sicula etc." Dawn it-tliet epigrafi minquxin bil-Kufiku, ħażżhom bin-Neskhi u fissirhom bil-Latin.

L-ewwel tnejn jibdew bis-sejħa ta' "*B'ism Allah el-raħman el-raħim*, eċċ." L-ewwel lapida tissokta tgħid. "Lil Alla biss imissu l-Għerf u l-Ħolqien; fuq il-ħlejjaq tiegħu, hemm miktub li għandhom imutu; u fil-profeta tiegħu, illi Alla jagħtih ir-risq u jżommu ħaj, il-Perfezzjoni u l-Ħakma. Dan hu l-qabar tal-qaddej t'Alla Ruhman, Alla jqaddislu ruħu. Miet is-Sibt, (f'ta' Vassalli "*feria secunda*") it-18 taxxahar ta' *ġumadi*, it-tieni tas-sena 531 (13 ta' Marzu, 1137) fil-waqt li ta xhieda li ma hemmx Alla ieħor ħlief Alla: u li Mawmettu huwa qaddej u rasul Alla".

It-tielet u r-raba' vers, kif imfissrin bil-Latin minn Vassalli, jissoktaw igħidu "mibgħut minn Alla biex imexxi u juri l-verità tad-Din sabiex dan isaltan fuq kull Din ieħor, b'inkejja ta' dawk li jqimu ħafna allat (politeisti), illi l-Ġenna hija vera u li n-nar ta' l-Infern hu veru, u li l-ħajja ta' dejjem hija vera u li s-siegħa tal-Qawmien tasal bla dubju u li Alla jqajjem (il-mejtin) lilhom mill-oqbra. Alla jkollu ħniena minn min jaqra (din l-iskrizzjoni) u jitlob ħniena għaliha, għall-ġenituri tagħha u għall-misilmin kollha."

Fuq dawn l-epigrafi jitkellem Michele Amari fil-Ġabra ta' Iskrizzjonijet Għarbin ta' Sqallija (*Le Epigrafi Arabiche di Sicilia* eċċ. Parte Seconda. Palermo, 1879. pp. 76, 33 u 65) u wara li jagħti traskrizzjoni bin-Neski ifissirhom skond il-fehma tiegħu. It-tifsira li tajna ta' l-ewwel iskrizzjoni hija fuq dik ta' Vassalli u Amari li f'xi ħwejjeġ ma jaqblux ma' xulxin. Il-lapida qiegħda fil-Mużew Nazzjonali ta' Palermu. L-Amari jsemmi li l-"Professur M. A. Vassallo ittraskriveiha u qalibha bil-Latin fil-Ktejjeb li ħareġ f'Ruma fl-1793. Hekk ukoll għamel Tychsen f'ittra li tinsab qalb il-manoskritti tal-Bibljoteka Komunali ta' Palermu."

L-Amari hu bejn ħaltejn jekk l-isem fit-tieni paragrafu għandux jinqara *rumhaya* flok *Ruhman* kif mogħti minn Vassalli. It-traduzzjoni ta' l-Amari ma taqbelx ukoll ma' dik ta' Vassalli f'xi sitt kelmiet ta' l-ewwel paragrafu u fosthom il-ġurnata tal-mewt tal-midfun ; fl-Amari: "is-Sibt, tat-18 tax-xahar ta' *ġumadi*"; f'dik ta' Vassalli: "*feria secunda die decima octava mensis Giomadi* etċ." Fil-bqija jaqblu t-tnejn. Tychsen, skond l-Amari, fehem u qara ħażin xi kliem tat-tieni vers.

L-iskrizzjoni tat-tieni lapida tibda, bħalma għedna, bis-sejħa ta' "B'ism Allah, eċċ.". Il-bqija tal-paragrafu, skond ma jfisser Vassalli fin-noti tat-traduzzjoni li għamel bil-latin, hu meħud minn fuq is-Sura III. X. 182 tal-Quran. L-Amari (*Epigrafi Arabiche*. 1879. paġ. 33) igħid illi dik l-iskrizzjoni għandha titqies bħala ħaġa li qatt ma ġiet stampata qabel, il-għaliex qatt ma ħareġ disinn tagħha u, kif jaħseb, *ftit wisq huma dawk in-nies li jafu bit-traskrizzjoni tagħha b'ittri għarbin komuni, li kien ħareġ stampata bi traduzzjoni latina is-Sur Michele Antonio Vassallo ta' Malta, fi ktejjeb ta' 8 paġni, Ruma 1793, minn għand Antonio Fulgoni, fejn jingħad illi din il-lapida, u tnejn oħra, kienu nsabu f'Settembru tal-1792 fid-dar ta' Antonino Bagnasco ta' Palermo u meħudin fil-Bibljoteka Komunali li dik il-ħabta kienet tissejjaħ tas-Senat.* L-Amari jgħid li dik il-lapida issa qiegħda fil-Mużew Nazzjonali, xi żmien ilu fl-Università ta' l-Istudji. Il-lapida maqsuma fi tnejn u fiha hemm nieqsa biċċa miksura u għalhekk it-traduzzjoni ta' l-ewwel paragrafu mogħtija minn Amari nieqsa mill-biċċa l-kbira ta' kliem.

It-traduzzjoni latina tat-tieni paragrafu mogħtija minn Vassalli hija din: "Hoc est Sepulcrum Aabd-yr-Rahman yl Mekkia Abu-yd-Daher Ibn-Aabd-ir-Rahman Ybn Aabd-Allah filii Isidorii clarissimi. Obiit die undecima mensis Moharram anno septimo et sexagesimo, et quadringentesimo (scilicet anno Aegirae CCCCLXVII) dum ipse testabatur: non esse Deum nisi Deus"; fil-waqt li l-Amari dan il-paragrafu jfissru hekk : "Questo è il sepolcro di "*abd'arrahman* soprannominato '*Abû 'attâhir*, figlio di '*abd 'arrahman 'ibn 'abd 'allah* del *Qayrawan* il-quale è morto la domenica, dieci del mese di *muharraram* dell'anno quattrocento sessantasette (5 settembre 1074) facendo testimonianza che non v'ha altra divinità se non che Iddio."

Kif naraw illi bejn it-traduzzjoni ta' Vassalli u bejn dik ta' l-Amari hemm xi tibjin ta' kliem. Fosthom 'yl mekkia' flok l-'imlaqqam' (*soprannominato*) bil-Għarbi '*al mukennâ*;

"Zidur el-'Ażiż" (Isidori Clarissimi) flok "Zaydun 'al qarawi" jew Żaydun tal-Qarwan'u xi kelma oħra (1).

L-Amari qal li Vassalli ma satax jaqra tajjeb xi kliem li ma jaqblux ma' dawk li fisser hu, il-għaliex, għalkemm kien jaf xi ftit bil-Isien Għarbi, dana kien nieqes mir-reqqa ta' xi tagħlim. Iżda, kif nuru iżjed il-quddiem, it-tifsir ta' xi kliem f'iskrizzjonijiet Kufiċi bħal dawn mhux dejjem taqbel fost dawk li huma saħansitra magħrufin bħala l-aqwa għorrief fil-Isien Għarbi.

It-tielet iskrizzjoni jfissirha wkoll l-Amari (*Epigrafi Arabiche*: 1879 paġ. 65). Hu jgħid li din il-lapida tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' Palermu. It-test Għarbi, bi traduzzjoni tagħha bil-latin, ippublikahom, mingħajr tifsira u disinn tal-monument, Mikiel Anton Vassallo, fil-ktejjeb li kien diġà semma fin-numru VII. "Il-Professur Malti, jissokta jgħid hu, qara tajjeb l-ewwel formula (jiġifieri l-ewwel kelmiet tas-soltu u l-versi tal-Quran), iżda, wara li għadda n-nofs tat-tielet vers, tbixkel fil-kelma li jiena fissirt bil-kelma "faraġ" u li hu fisser bi żball bil- kelma "virtù", barra milli ma għarafx fir-raba' vers il-kelmiet "is-Sibt" u "għaxra", u kagħbar ukoll l-isem billi nsibu qrah u fissru bl-isem ta' : *Abu... Holu il-Kemmad.* Amari jissokta jgħid kif Tychsen, li kien ittraskriva u qaleb bil-latin din l-iskrizzjoni fisser ħażin xi kelmiet.

Biex nagħtu xi ħjiel sewwa ta' dan it-tibjin li hemm fit-traduzzjonijiet ta' Vassalli u ta' l-Amari f'din l-iskrizzjoni, inġibu hawnhekk it-traduzzjoni tal-wieħed u l-ieħor. Ta' Vassalli, li hija bil-Latin tgħid : "Admodum misericordis. Propitius sit Deus Prophetae Mohamedi, et familiae ejus, asseclis ejus, eosque conservet multum. Omnis anima gustabit.............. mercedem vestram die resurrectionis. Et qui remotus fuerit ab igne, et introductus fuerit in Paradisum, jam salvus erit. Quid est enim vita hujus mundi...... vanitatis, Deo conveniunt Potentia, Aeternitas et creaturis ejus prescriptus est interitus, et in Legato Dei Prophetiae *virtus* et Dominatio.

Hoc est sepulcrum *Abu...... Holu il-Kemmad* : qui obiit die tertia ad primum noctem primi mensis ex anno septimo decimo et quinquagesimo (i. e. Aegirae DXVII) Misereatur Deus"...

It-tifsira ta' l-Amari mogħtija bit-taljan (*L'Epigrifi Ar: di Sicilia* p. 67) hija din :—

(1) *Ab' el rahman 'ibn 'abd allah 'ibn Żaydûn al Qarawi ecc.* Skond it-traskrizzjoni ta' l-Amari bin-Neskhi.

(1) Nel nome del Dio pietoso e benigno. Benèdica Iddio al profeta Maometto ed alla sua stripe e lor dia pace. Ogni anima dovrà assaporare.........

(2) ...i vostri giuderdoni, che il dì della risurrezione (allora) chi 'sarà tratto lungi dal fuoco e introdotto in paradiso, ei fia salvo. La vita di quaggiù......

(3) inganno. A Dio (solo appartiene) la possanza e la durata. Delle sue creature scritto è che elle periscano (di che abbiamo esempio (insieme) e conforto nel suo profeta. Questa è la tomba di *ajûb* (Ġobb) *figlio di*...... di *Muħallaf*, il gualchieraio il quale morì di sabato nella prima decade di ragħab dell'anno cinquecendiciasette (125 agosto a 3 settembre 1123). Che abbia misericordia di lui Iddio."

Fejn hemm il-vojt immarkat bin-niktiet ifisser illi jonqsu l-kliem fil-lapida stess li f'xi bċejjeċ hija miksura.

Għalkemm id-divrenzi fit-traduzzjonijiet jistgħu juru f'wieħed jew ieħor nuqqas ta' għerf biżżejjed fil-kitba għarbija u lsien tagħha, nistgħu ngħidu, iżda, illi fi traduzzjonijiet bħal hawn, li għalihom trid sengħa barranija ta' qari u tagħlim klassiku tal-Għarbi, għaż-żminijiet li fihom għex Vassalli, ħadd ma jista' jgħid li kien għaref biżżejjed. Fil-qari tal-karatteru kufiku għarbi, sa ftit żmien ilu, kien hemm fost l-aqwa Arabisti min imieri lil xulxin, aħseb u ara fl-1793 meta tarġa' Vassalli kien żagħżugħ ta' 29 sena, u, għalkemm dak iż-żmien sata' kien qiegħed igħallem l-Għarbi jew jitħarreġ fih, fl-Istitut tal-*Propaganda Fide*, kien għadu ma għaddiex żmien bizżejjed biex bit-taħriġ tat-tagħlim tal-Għarbi Klassiku kien jista' dlonk jagħti bir-reqqa kollha t-tifsira ta' skrizzjonijiet bħal dawn.

L-iskrizzjoni ta' Majmuna, li l-lum tinsab fil-Mnżew tal-Belt, kif jistqarr Amari stess, hija l-iktar waħda li fuqha, l-għorrief tal-lsien Għarbi taw tifsiriet li ma jaqblux ma xulxin. L-istess Assemanno, Professur tal-Għarbi u Kaldajk fil-Kulleġġ tal-*Propaganda Fide*, fi żmien Vassalli, ma kien ta ebda tifsira ta' din l-iskrizzjoni. Warajh ta xi tifsira wisq ċkejkna Camillo Falconet. Wara sebgħin sena li kien ilhom igħarblu, bla ma jgħarblu sewwa, fuq l-iskrizzjoni "Ta' Majmuma", l-Amari sewwa t-traduzzjonijiet kollha li kienu saru u raġa' ta, biex ngħid hekk, traduzzjoni ġdida li meta tqabbilha ma' dik li saret dan l-aħħar mill-Patri Kabuċċin Gabriel Maria d'Aleppo, issib li fiha hemm xi kliem li ma jaqbel b'xejn.

Meta Vassalli ħareġ it-traduzzjoni ta' dawn it-tliet epigrafi, fi Sqallija ma kienx hemm ħlief il-Kanonku Rużar DeGregorio li b'xi mod kien jifhem fil-lsien Għarbi u fit-traskrizzjoni tal-karattru kufiku. Kull traduzzjoni bħal din kienet issir bil-għajnuna ta' nies barranin, fosthom ta' O.G. Tychsen, Professur tal-Għarbi f'Rostock, u ta' Simon Assemanno, ta' Ruma.

L-abbati Fra Giuseppe Vella (1) ta' l-Ordni Gerosolimitan, imsemmi għat-traduzzjoni ta' xi manuskritti Għarbin, kien ilu f'Palermu mill-1780, meta kien mar hemmhekk mingħajr sold f'butu. Bil-għajnuna ta' l-Arċisqof Airoldi, wara xi snin deħret stampata traduzzjoni tal-*Kodici Diplomatiku ta' Sqallija* bl-istorja ta' Sqallija fi żmien il-Għarab, magħmula minn Vella; wara imbagħad traduzzjoni tal-Kodiċi ta' żminijiet in-Normanni; imbagħad dik tal-Kotba ta' Livju bil-Għarbi.

A. C.

*(Jissokta)*

# IL-POËŻIJA TAL-ĦAJJA

Lis Sur Nin Cremona

Poëta, poëta,
il-għanja ta' ruħek,
imżewqa bil-hena
li tibki ma' dmugħek,

m'hix isbaħ mill-għanja
tal-ġonna ferrieħa,
ma' dħul ir-rebbiegħa,
rebbiegħa sabiħa.

Ismagħha filgħodu
dik l-għanja qawwija:
fuq weraq titriegħed
bħal nida bid-dija,

(1) Fuq dan li se nżid ngħid inqdejt bl-artiklu interessanti tar-Reverendu C. L. Dessoulavy Ph. D., F. Z. S. imsemmi "Mich: Ant. Vassalli and the Vella Case" miġjub fil-"Journal of the Malta University Literary Society" Vol. 2 Nru. 8 u 9 March 1936 p. 404, kif ukoll b'dak li kiteb fuq hekk Dr. A. A. Caruana, Frammento Critico etc. p. 39.

u tħaxwex mas-siġar
il-fewġa ħanina;
hi tgħanni, wil-għanja
hi kbira w irżina.

Ismagħha: kemm ħlewwa
fl-ilmiet li għaddejja,
bħal sriep lewn il-fidda
sejrin, oħrajn ġejja!

Jien smajtha, poëta,
u smajtha bis-sewwa,
dik l-għanja, tas-sliema,
dik l-għanja tal-ħlewwa.

Kont fl-isbaħ tal-ħajja:
ix-xemx ta' tfuliti
qajl qajl kienet tixref
minn xefaq żgħużiti.

Bħal xrara ta' mħabba
xegħlitni fil-ħin;
ħabbejtek, ħabbejtek,
Mulejja ħanin,

Għax Minnek is-seħer
u l-fwieħa fil-ġnien:
mhux Minnek ewwilla
il-ħajr kullimkien?...

Poëta, poëta,
il-għanja ta' ruħek,
imżewqa bil-hena,
li tibki ma' dmugħek,

m'hix isbaħ mill-għanja
tal-ġonna fis-skiet,
fejn deh'b safi jinżel
fuq fomm il-wardiet,

mill-għanja mostura
li trodd in-Natura.

Ġużè Chetcuti.

15 - IV - 1936.

# IN-NUTARI

## FL-EWWEL SNIN TA' L-INGLIŻI F'MALTA

### III

Bħalma kien hemm xi wħud li talbu biex jilħqu Nutari malli dawn il-Gżejjer għaddew għal taħt il-Ħakma Ingliża, hekk ukoll kien hemm oħrajn li riedu jsiru Stipulanti.

L-ewwel wieħed li talab biex jilħaq Stipulant, wara t-tluq tal-Franċiżi minn hawn, kien jismu Pawlu Vella. Dan qal li għamel 5 snin jaħdem ta' Skrivan ma' zijuh, in-Nutar Xandru Patrizju Spiteri, biex jitħarreġ f'dina l-professjoni. F'daż-żmien tgħallem ukoll l-Istituzzjoni Ċivili mill-Avukat Ġużè Nikol Zammit. Għalhekk talab is-setgħa biex jibda jagħmel il-Kuntratti f'isem in-Nutar Spiteri li semmejna.

In-Nutar Spiteri għamel minn idejh, fejn wiegħed li malli Vella jsir Stipulant, huwa jżommu jaħdem miegħu.

Vella ġie mlaħħaq Stipulant fit-12 ta' Mejju 1801, billi meta għamel l-eżami għand l-Udituri, dawn sabuh tajjeb għal dak li talab.

Wara Vella, insibu lil wieħed minn Ħaż-Żebbuġ li tħajjar ukoll biex jilħaq Stipulant. Dan kien jismu Midju Brignone. L-ewwel ma beda jaħdem ta' Skrivan, kien ma' missieru, in-Nutar Ġużè Ġustu Brignone. Wara l-mewt ta' missieru u l-ftuħ ta' l-ibliet, daħal man-Nutar Ġużè Bonavita. F'dax-xogħol, b'kollox, dam jitħarreġ erba' snin. Iżda, billi xtaq li jissokta 'l quddiem f'din il-professjoni, talab li jsir Stipulant man-Nutar Saver Nazju Bonavita.

Meta l-Udituri eżaminaw lil Brignone, sabuh tajjeb. Dawn qalu, li għalkemm Brignone hu żagħżugħ sewwa, iżda għad ma kellux 18-il-sena. Għal dawn kien jonqsu 4 xhur u 26 jum. Fuq hekk ħallew f'idejn il-Gvernatur biex, jekk irid, igħaddih għal Stipulant.

Il-Gvernatur, għalkemm għoġbu jaħtar lil Brignone bi Stipulant fit-12 ta' Ġunju 1801, iżda s-setgħa li tah kienet li jista' jaħdem f'xi għamliet ta' kuntratti biss.

Konna għedna li l-Liġijiet isemmu li biex wieħed jilħaq Stipulant, qabel irid jagħmel ħames snin jaħdem ta' Skrivan ma' Nutar. Iżda mill-biċċa ta' Brignone nerġgħu naraw, li dawn il-Liġijiet kienu jiġġebbdu kemm irid il-Gvernatur. Terġa' din ta' Brignone ma kinitx kbira daqs ta' oħrajn.

Jekk Brignone sar Stipulant wara erba' snin xogħol ta' Skrivan kien hemm oħrajn li laħqu fi żmien anqas minnu, bħalma sa nuru.

Fl-1801, wieħed minn Ħaż-Zebbuġ, jismu Pietru Pawl Amato, għamel talba biex isir Stipulant. Fiha qal li kien ilu disa' snin jagħti ruħu għat-tagħlim tal-Grammatka, ir-Rettorika u l-Filosofija, kif ukoll l-Istituzzjoni Ġustinjani. U dan li qal wettqu b'xhieda bil-miktub li bagħat mat-talba li għamel. Fiż-żmien li semma, ħadem ukoll ta' Skrivan għal sena u bosta xhur man-Nutar Ġorġ Magri, biex jitħarreġ f'dina l-professjoni. Iżda, wara ż-żmien ta' tħarriġ li għamel, deherlu li sar tajjeb u ta' ħila. Għalhekk, billi xtaq jgħaddi 'l quddiem fil-professjoni, talab li jsir Stipulant man-Nutar Ġorġ Magri.

Billi l-Udituri eżaminawh u sabuh tajjeb, il-Gvernatur tah, fil-20 ta' Lulju 1801, is-setgħa li talab.

Wara Amato, insibu lil Salvu Borg. Dan ukoll ried li jilħaq Stipulant qabel iż-żmien imsemmi mill-Liġijiet. Fit-talba li Borg għamel, qal li lilu jmiss li jsir, billi hu l-ewlieni u l-akbar wieħed fost sħabu l-Istipulanti. Ta' Skrivan ħadem għal dawra ta' sentejn man-Nutar Beneditt Falzon. Wara ħadem sitt xhur oħra man-Nutar Lwiġi Falzon. Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Borg, u fit-18 ta' April 1802, laħħqu Stipulant, wara li kien għadda mill-eżami li għamlulu l-Udituri.

Bħal dawn iż-żewġ Skrivani li semmejna, kien hemm ukoll oħrajn li saru Stipulanti qabel iż-żmien ta' ħames snin. Iżda bli ġibna, naħsbu li hu biżżejjed biex nagħtu ħjiel sewwa dwar it-tiġbid li kien isir fil-Liġijiet ta' dari.

L-istipulant Amato, li 'l fuq semmejna, wara xi żmien li kien ilu jaħdem man-Nutar Magri, telaq lil dan biex mar man-Nutar Nazju Saver Bonavita. Iżda, biex għamel dan it-tibdil fit-13 ta' Jannar ta' l-1802, qabel talab ir-rieda tal-Gvernatur. Waqt li Amato kien jaħdem ta' Stipulant man-Nutar Bonavita, għamel talba lill-Gvernatur Cameron. Fiha qal, li billi kien joqgħod f'Ħaż-Żebbuġ, ġie mitlub kemm-il-darba min-nies ta' hemm biex jagħmlilhom xi kuntratti. Iżda, billi hu ma kellux din is-setgħa, ma satax jindaħal għalihom mingħajr ir-rieda tal-Gvernatur. Għalhekk talab biex jagħtih din is-setgħa. U l-Gvernatur, għalkemm fit-18 ta' Ġunju 1802 tah dak li talab, iżda amarlu, li b'hekk ma jqisx ruħu li qala' s-setgħa li jista' jwaqqaf Offizzju hemm.

Bis-setgħa li qala' Amato, ġie daħal fil-għalqa sewwa tan-Nutar Pietru Buttigieg. Bħalma għedna fl-Ewwel Taqsima,

ħadd, ħlief Buttigieg, ma kien jista' jaħdem ta' Nutar f'Ħaż-Żebbuġ. Iżda, għalkemm Cameron kien wettaq dak li ta' Ball lil Buttigieg, maż-żmien beda jillaxka dwar din il-biċċa. Għalhekk ta wkoll lil Amato li jista' jaħdem il-kuntratti liż-Żebbuġin. Imma, biex bħalkieku Cameron ma jnaqqasx għal kollox u f'daqqa mis-setgħa li Buttigieg kellu f'Ħaż-Żebbuġ, amar lil Amato li ma jżommx Offizzju f'dak ir-raħal. B'dana kollu, bis-setgħa li Cameron ta lil Amato, ġie tmellah ukoll mil-Liġijiet ta' dak iż-żmien. Waħda minn dawn kienet tgħid, li l-Istipulant jista' jaħdem biss fl-Offizzju ta' dak in-Nutar li miegħu jkun. Iżda dari ma kienu jaraw bi kbira u bi tqila xejn, la darba d-drawwiet kienu jegħelbu l-Liġijiet.

Għas-setgħa li ġiet mogħtija lil Amato,din id-darba Buttigieg ma tkellem xejn. U dan aktarx li ġara billi lil Buttigieg, wara xi żmien li laħaq Logutenent, żdiedlu x-xogħol f'dana l-impieg, u b'hekk ma setax ilaħħaq ukoll f'kollox mal-professjoni ta' Nutar li kellu. Barra minn hekk, seta' jkun ukoll li bil-50 skud li Buttigieg kellu fix-xahar, bħala Logutenent f'raħal, kien igħaddiha tajjeb f'dak iż-żmien. U għalhekk, aktarx li Buttigieg deherlu, li la darba qiegħed igħix sewwa, kellu jħalli lil ħaddieħor igħix ukoll.

Meta wħud mill-iskrivani jilħqu Stipulanti, xi drabi ma kinux jieħdu dawk il-kuntratti, imsejħa ta' bejn il-ħajjin, kollha f'daqqa. Xi għamliet ta' kuntratti, bħal donazzjoni bejn il-ħajjin u l-kitba taż-żwieġ, kienu jistgħu jagħmluhom meta jgħaddi xi żmien wara li jkunu saru Stipulanti.

Fost dawk li ġralhom bħalma hawn fuq semmejna, insibu lil Midju Brignone. Dan, bħalma għedna, kien sar Stipulant fit-12 ta' Ġunju ta' l-1801; iżda, is-setgħa li jista' jaħdem fid-donazzjonijiet ta' bejn il-ħajjin u l-kitba taż-żwieġ, tawhielu fit-12 ta' Awissu ta' l-1803, fuq talba oħra li kien għamel u wara li reġa' għadda mill-eżami ta' l-Udituri.

Bħal Brignone ġara wkoll lill-Istipulant Pietru Pawl Amato. Dan, meta fl-1801 sar Stikulant, ma tawhx kollox. Fuq hekk, sentejn wara, talab id-donazzjoni ta' bejn il-ħajjin u l-kitba taż-żwieġ. Iżda, għalkemm l-Udituri sabuh tajjeb fl-eżami li għamlulu, qalu lill-Gvernatur biex jagħtih il-kitba taż-żwieġ biss.

Semmejna d-donazjoni ta' bejn il-ħajjin. Din issir bejn il-mara u r-raġel waqt li dawn ikunu għadhom f'saħħithom. Iżda barra din hemm donazzjoni oħra, dik li ssir qabel il-

mewt ta' xi ħadd. U din tissejjaħ "*donazione a causa di morte*".

L-imsemmi Amato dam jaħdem man-Nutar N.S. Bonavita sena u għaxar xhur. Wara talab lill-Gvernatur biex imur jaħdem man-Nutar Ġużè Bonavita, imħabba li lil dan telqu l-Istipulant li kellu (Salvu Gera), għax kien għamel l-eżami u għadda għall-Nutar, Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Amato u, fid-29 ta' Novembru 1803, tah li ried. Fiż-żmien li Amato kien ma' Ġużè Bonavita, iżżewweġ u, minn Ħaż-Żebbuġ, mar joqgħod in-Naxxar. Din il-biċċa kienet ta' tfixkil għalih biex, min-Naxxar jissokta jmur jaqdi dmiru fl-Offizzju tan-Nutar Ġużè Bonavita. Fuq hekk, biex jeħles minn dan l-ixkiel, talab lill-Gvernatur li jagħtih is-setgħa ħalli jkun jista' jagħmel il-kuntratti fin-Naxxar f'isem in-Nutar li semmejna.

Biex in-Nutar Bonavita juri li għoġbu dak li ried Amato, għamillu xhieda bil-miktub. Fiha qal li jaf tajjeb li Amato hu ta' ħila u raġel sewwa ħafna. Għalhekk irid li jħalli lil Amato biex jagħmillu l-kuntratti għalih (għan-Nutar Bonavita) fin-Naxxar. Fuq ix-xhieda ta' Bonavita, il-Gvernatur, fid-29 ta' Mejju 1804, ta lil Amato s-setgħa li talab.

Bit-tluq ta' Amato minn Ħaż-Żebbuġ, in-Nutar Pietru Buttiġieġ ħeles minn biċċa xkiel. Iżda, jekk ħeles minn Amato, ma saqajh baqa' Stipulant ieħor, Midju Brignone. Dana, billi kien ukoll minn Ħaż-Żebbuġ, ġie li ħa minn hemm xi kuntratti, għan-Nutar Kalċidon Debono. Terġa' Brignone dawn ħadhom bla ma talab is-setgħa meħtieġa għalhekk minn għand il-Gvernatur. B'dana kollu, m'hux biss il-Gvern ma kellmux, imma lanqas in-Nutar Butigieg ma tħarrek għal dan id-dħul ta' Brignone fil-għalqa tiegħu.

Xi drabi, bħalma għedna band'oħra f'dina l-kitba, uħud kienu jsemmu ħwejjeġ li ma kellhomx x'jaqsmu mal-ħila li wieħed irid ikollu biex jilħaq Nutar.

Ma' dawk li ġibna, darb'oħra nsemmu oħrajn li għamlu hekk. U dan nagħmluh biex nagħtu aktar ħjel ta' kif kienu l-ħwejjeġ fiż-żmenijiet li qegħdin insemmu.

(*Jissokta*)

**Ġużè Gatt**

# TAĦBIT U FERĦ TA' ĦAJJA

Is-sur Toninu Bellizzi ma kienx demm Malti: hu kien Taljan. Il-ġibda u l-ħajra kbira li kellu għall-kotba sa minn ċkunitu, dejjem ġibitu l-ewlieni fost sħabu; l-ewwel ma qabad kien studju fuq l-ilsna u, żagħżugħ ta' sbatax, kien ġa jħaddem sewwa l-latin, l-ingliż, u l-grieg qadim; imbagħad taha għall-istudji ta' għerf-il-kwiekeb, u wara tħajjar ukoll jaqbad xi ftit filosofija, u moħħu dlonk beda jhewden fuq Sokrati, Platun, Aristotli, Senofonti u filosfi oħrajn: huma kienu, dak iż-żmien, l-ikel ta' ħsebijietu. Kien bin il-għonja, u billi niesu li ma kellhomx għajru, rashom, ma setax jonqos, kienet mimlija bih, u ma kienu jarawha xejn bi kbira jħallsulu l-ħlejjes is-sbieħ għat-tkattir tal-istudji tiegħu. Kienet is-sena 1848: żmien imwiegħer u ikreh bosta. Missieru kellu sehem kbir fil-ħajja pulitka tal-pajjiż u, mixgħul b'nar qawwi ta' mħabba għal artu, ma kienx iħal-liha għaddejja lixxa lil Ferdinandu Borbone li taħt il-mad-mad kiefer tiegħu ż-żewġ Sqallijiet kienu jinsabu fin-nar ta' l-infern. Il-kotra, imkebbsa mill-kitba rivoluzzjonarja ta' missieru, mqajma minn nagħsa ħiemda li kienet traqq-dilha demmha, xegħlet kontra Ferdinandu; imma x-xorti kemm kienet ħażina magħhom, imsejkna! Is-sena ta' wara Ferdinandu reġa' ġie minn fuq, u kull min ħa xi sehem, kbir jew ċkejken, fl-irvell kellu jħittex idabbar rasu.

Dik il-ħabta Toninu, mogħti kollu kemm hu għall-iskola, bla l-iċken ħjiel li jissieħeb, bil-kitba tiegħu, fix-xogħol ta' missieru għall-ġlieda kontra Ferdinandu, kien qiegħed b'im-ħatra ma' ħabib u fl-istess ħin għadu tiegħu, Bertu Caprile, għal min minnhom jirbaħ l-ewwel fil-konkors, imniedi mill-Università, għall-isbaħ biċċa xogħol oriġinali mitbugħa b'taljan tajjeb u safi. Ma għandniex xi ngħidu, Toninu ta ruħu u ġismu għaliha, u kull filgħodu kmieni, meta l-lejl ikun għadu ma tkebbisx mill-ħeġġa tad-dawl u tax-xemx— tax-xemx li Dubartas, mill-aħjar fis-sengħa ta' l-perifrasi, sejħilha *granduca delle candele*—hu kien joħroġ minn soddtu, rasu jħossha tqila u ddur bih, donnha titolbu biex jistrieħ mill-ġdid; imma xewqtu kellha mill-ħadid u miż-żonqor u qatt ma tmejlet ħarira għall-għeja u l-kedda ta' ġismu.

L-arloġġ li kien qiegħed fuq tavolina ħdeju rasu, kien qiegħed idoqq l-erbgħa ta' filgħodu meta Toninu nkixef mill-għata u bħala reżħa ġriet ma' ġismu; qabad imnara f'idejh

u jgeżwer ħwejġu telaq għall-kamra ċkejkna fejn, tliet sigħat qabel, kien kollu mitluf u mehdi jikteb, u.. xi ħabtiet jogħnos.

Kien Frar fawwâr u x-xita barra kienet iċċaqċaq bla ħeda; daqqiet, ħarsa lejn is-sema sewdieni kienet turih bħal sriep tan-nar joforqu d-dalma, u mbagħad jisma' fuq rasu l-kamra titgħeżżeż u r-ragħad ikarwat, ragħad li jriegħdlek qalbek, donnu ġej mill-bogħod il-bogħod sa jasal fejnek u jfaqqa' f'daqqa. Toninu ħares lejn is-sema mgħajjeb minn sħab magħqud u mimli, ħares lejn is-saħħa tax-xita li kienet tlanġas bil-kif, fuq il-qawwa tas-sajjetti qishom idamdmu ġo qalbek imnixxfa bil-biża', u bejnu u bejn ruħu qal bi kliem il-filosfu: "ħaġa waħda jien naf, u din hi li jiena ma naf xejn". Dak il-ħsieb kebbes f'moħħu ħsebijiet oħra u, miġnun bil-ferħ, issokta fix-xogħol tiegħu.

Mill-knisja tal-qrib kienu qed idoqqu s-sitta, tokk wara l-ieħor: il-ħin donnu ma jridx igħaddi daqs kemm kienu dawk it-tokki jħabbtu bil-mod; meta f'daqqa jisma', minn kamra ta' l-indana ta' taħtu, bħal twerżiqa ta' mara, tisbita ta' ġisem, u xejn aktar. L-arloġġ kien għadu jħabbat, ix-xita kienet għadha tagħti.

Ta' min setgħet tkun dik it-twerżiqa ħlief ta' ommu? Qalbu ħebritu b'xi ħaġa kbira u kerha, u kemm riġlejh jifilħu ġera lisfel: il-bieb tal-kamra kien magħluq. "Ma, ma!" għajjat, "ma, iftaħ!" Ebda tweġiba, ebda ħoss, skiet tal-qabar. Kemmxejn tas-saħħa, u l-bieb sab ruħu ġewwa; Toninu waqaf bħal miblugħ iħares. Id-dawl inemnem wera, mitluq ma' l-art f'telqa tal-mewt, lil missieru, mgħarrar f'demmu li bħal fawwara kien niezel minn ġerħa wiesgħa f'sidru, u lil ommu, għaxja, safra daqs il-qasra tax-xama' fl-aħħar rabta ta' mħabba, ħarsitha għalxejn iħarsu fil-ħars ċass ta' bniedem mejjet.

Imsejken raġel! Ħadem sfieq u tajjeb, b'imħabba ta' bil-ħaqq safja, għat-tmexxija 'l quddiem ta' pajjiżu, għall-ħelsien mixtieq, ta' poplu mxewlaħ, rasu dejjem imħawda b'mitt xorta ta' taħbit. Ir-rebħa ta' Ferdinandu deffset stallett ta' mrar ġo qalbu, u minn ftit taż-żmien 'l hawn beda jara kollox kontrieh, xejn li jħajru biex jerġa' l-ġlieda.

—Mà! Pà! X'inhu dan tagħkom? — għajjat Toninu f'telfa miġnuna ta' biki. Ħareġ jiġri barra, mitluf minn sessih, igħajjat. Ħabtu dak il-waqt għaddejjin xi nies, ħbieb ta' missieru, u daħlu bilġri ġewwa: f'ħin wieħed id-dar saret ta' taħt fuq, ġiri ta' nies, taqlib u agħa: laħqu wkoll,

imma mhux f'waqtu, it-tabib u l-qassis. Kollox tar f'daqqa waħda minn ħsieb l-imsejken Toninu, u għajnejh bdew idemmgħu bil-moħbi; imma dak il-biki sieket kemm kien qed jagħfaslu qalbu u x'bidla kienet qed tiġri ġo fih!

L-għada Toninu qam bħas-soltu, fl-erbgħa ta' filgħodu, iżda ma marx dritt f'kamartu; niżel fil-kamra fejn missieru kull filgħaxija kien jinġabar, u hemm sab, ġo gods karti u ittri oħra, karta, b'taħżiż fuqha mħarbex bis-serqa, li tgħid: Għażiż Toninu, id-dar li int qed tgħix fiha, ma hix tagħna, anqas l-għamara, u anqas ħwejjiġna. Fittex aħrab minn hawn; fittex aħrab jekk ma tridx issib ruħek imsakkar ġo ħabs. Hu ħsieb u ħobb lil ommok; weġġaħ il-għadam sieket ta' missierek. Jien mitt għax qatt ma xtaqt, għax qatt ma ridt nara lilek bin priġunier, bin ħabsi.

Minn hemm Toninu resaq lejn il-kamra tiegħu, wiċċu isfar u mixrub; ħaddejh tilfu sħiħ mill-ħeġġa u mill-ħmura, donnhom minn fuqu għaddew f'daqqa għoxrin sena bit-toqol u bl-imqata kollha tagħhom. L-ewwel ma ġiet quddiem għajnejh kienet il-biċċa xogħol letterarja li kien ġa ta bidu tagħha, u bid-dmugħ fuq in-niket, qabad jaqra :—

"Insibu fil-kotba tal-ġrajjiet ta' Ruma, il-belt li ma tmutx mad-dewwiema tas-snin, miktuba l-ħila barranija ta' nies bħal Ġulju Ċesri, u l-id tal-ħadid li mexxiet nofs id-dinja ta' dak iż-żmien, u l-fehma qawwija li qatt ma tgħawġet taħt id-daqqiet tal-azzar u fuq l-imrammi mfarrka. Insibu nies bħal Ċiċerun, sebħ u ġieħ ta' artu; bħal Brutus, ħabib ta' ġewwa ma' Ċesri, mirbuħ minn kliem Kassju u mdaħħal fix-xibka ta' ftehim għall-qtil tiegħu; bħal Antonju li ndegħex u beka fuq il-ġisem tal-akbar mexxej li qatt rât Ruma, u hemm ħalef fuq dawk il-ġrieħi miftuħa quddiemu li Ruma titħallas minn demm il-qattiela: insibu nies bħal dawn, u moħħna jieqaf fuqhom.

"U nsibu wkoll fil-ġrajjiet ta' Greċja u ta' l-Asja nies bħal Ulissi bħal Akilli li, b'dehen barrani u b'ħila li tgħaġġbek, għarfu jgħollu, u jdawru bir-rand, ġieħ arthom, u jkabbru isimha. U għall-għajta ta' art twelidhom ma qamux jewilla t-Tliet Mija u bla ħjiel ta' biża', bla lewma, bla tneħida, iġġieldu u tqattgħu? Jekk il-lum għadamhom issibu f'Maratona imma isimhom u ħilithom issibu kullimkien!

"Iżda l-ħila, l-imħabba, u l-qawwa li l-lum jiddu b'leħħa barranija quddiem għajnejna, u jikbsu xrara ta' ħsieb u ta' ħeġġa, x'naf ngħid fuqhom jien? X'naf minn dik il-għira li libsithom bil-ħajr u bil-glorja? X'naf mit-tiġrib li ġarrab

għadd ċkejken imma qawwi fit-taqbidiet famużi ta' Salamina u ta' Maratona? Xejn: qalbi bierda tħares lejn l-għamil ta' sebħ u ta' qawwa, titgħaxxaq bih, u ma tisseħibx.

"Jekk issa, miġbur f'sikti, nitħaddet ma' qalbi u ħimkien, jien u hi, inħarsu lejn is-sema, ngħarrxu qalb il-kwiekeb, bejn is-sħab, lejn il-qamar sieket, nistħajjel li hi tgħidli: X'taf int mill-qawwa li qed iżżomm dawk il-kwiekeb iduru dejjem fix-xejn, u ma jaqgħux? X'taf int mis-seħer li kull waqt iżejjen u jsebbaħ is-sema?

"Imbagħad għajnejna jmorru fuq il-firxa bla tarf ta' għelieqi ħodor, fuq il-ward li jikber imżewwaq, sabiħ u dejjem ifuħ, fuq il-wesgħa u l-blat li jħażżmu l-baħar, fuq il-ħut, kbir jew żgħir, lewn il-fidda, lewn ix-xefaq ma' nżul ix-xemx u elf lewn ieħor, u donni lil qalbi nerġa' nismagħha siekta, tgħidli: X'taf int mis-sbuħija li sawret dik il-warda? mill-ħut li jimraħ f'għadd bla tmiem, taħt wiċċ il-baħar? mill-mewġ, issa b'saħħtu u jrid jibla' l-art u issa ġwejjed u ħanin?

"Fejn huma l-kotba, imbagħad nistaqsi jien, fejn huma l-iljieli ta' sahra? Kif xejn, xejn ma ħassilt minnhom?

"Dak hu kobor ta' bil-ħaqq: dak hu kobor li ma ssibx fil-kotba.

"U reġa' fiha l-Leħen Moħbi, aktar qawwi u aktar niggieżi: Ħaġa waħda jien naf, u din hi li jiena ma naf xejn!..."

Sa hawn kien wasal bil-kitba tiegħu Toninu, kitba li ħaseb sa tagħmillu isem kbir, meta ħin-bla-waqt kellu jitlaq kollox mn'idejh u jiġri bħal maħrub lisfel biex, f'kamra mċappsa dbabar ħomor ta' demm imtajjar, jara 'l missieru fit-telqa għajjiena tal-mewt u 'l ommu, għaxja, mixħuta fejnu.

Ħsieb Toninu issa kien jekk jitlaqx minn pajjiżu, skond l-aħħar xewqa ta' missieru, jew jekk bil-ħeġġa ta' mħabba żagħżugħa, jissoktax il-ġlieda hu, fi kliem ieħor, jaqbad il-ħajja pulitka. Ngħiduh minn quddiem, Toninu kien ħaseb li bil-kitba tiegħu sa jilħaq ħdejn Ġan Ġakmu Rousseau, imma l-ħsieb kemm ifalli bosta drabi! Kellu, minkejja fih in-nifsu, jaqbad trieq oħra mħawda, aktar imħabbta, aktar ta' dwejjaq, li wasslitu qalb għawġ; lewa dahru għażżebliħ u l-kliem iebes ta' min ma jħaddanx il-fehmiet tiegħu, ġibed fuqu l-mibegħda u l-għira ta' ħafna sakemm, fl-aħħarnett, wara rewwixta li kienet se tiswa ħajtu, sab ruħu maqful u msakkar ġo ħabs mudlam, imwarrab mill-ħbieb li, qalb ta' ljun, iġġieldu spalla ma' spalla miegħu.

Kienet is-sena 1853 meta ġie maqbud u miżmum kalżrat, iżda f'Mejju ta' dik is-sena kellu jħalli lill-Italja bħala priġunier pulitku u jaqbad it-trieq għal Malta, wara li xi ħbieb ħallsulu l-passaport, bla ħabba fil-but, biex igħix ħajja fqira u mikduda, midri minn kulħadd, u bla ħadd ma kien jaħseb li taħt dak il-faqar kien hemm moħħ li jaf jaħseb u qalb li taf tħobb. Kienu jarawh fil-jiem tax-xitwa tiela' mit-telgħa ta' Bormla għal Ħal Tarxien, b'xi erba' ħutiet irqaq imqartsin f'karta, ikla msejkna kemm jista' jkun imma li għalih kienet sombor.

Il-għaks! hi kelma kerha bosta, u min ma ġarrabx jiem mingħajr ikel, irqad barra, u ħars biċ-ċiera ma jistax jagħti tifsira xierqa tagħha.

Min għex fl-akkarija u fil-faqar ma jistħix jidher b'ilbiesu mqattgħa, roqgħa fuq oħra; u, għad-dawl tax-xemx, barra t-trieq qalb ir-raba', ikun fejn ikun, leħnu dejjem jinstama' hieni u ferrieħi. Anqas l-għonja bil-vilel u l-frugħat tagħhom, u s-slaten bil-palazzi, bit-tlellix, u bit-tislim minn kull fejn igħaddu, qatt ma jħossu rwieħhom hienja u ferħana daqsu! Imma dik li minn jum għall-ieħor trid iġġarrab ittoqol ta' ħsara akbar, igħibu l-ħbieb u jgħibu l-imwejjed imħejjija b'ikel tajjeb, igħibu l-uċuh imdorrija madwarek u tnin bis-sigħat it-tbissima ta' għajnejk, dik li trid tmidd idejk mistħi biex taqla' xi ħaġa kemm tikser il-ġuħ, ah! dik hi tassew kiefra; aktar milli l-karattru qawwi tal-bniedem jiflaħ iġarrab.

Nerġgħu fejn konna: għaddiet bit-toqol u l-qrusa tagħha medda ta' għoxrin sena sħaħ li dehru sekli twal, mingħajr tmiem, għall-imsejken Toninu. Kif għadda ħajtu ma' tul dawn is-snin kollha, ma nafux, biss, minn tiftix li għamilna stajna niksbu, li hu kien jiġbor xi żgħażagħ tar-raħal, u meta x-xemx tkun nieżla u xogħolhom ikun spiċċa, kienu jmorru f'xi mkien ħiemed u mwarrab, u hu joqgħod, bis-sabar kollu, ifissrilhom is-sbuħijiet tal-Vanġelu, is-sewwa t'Alla, igħidilhom xi bċejjeċ mill-istorja ta' Ateni u ta' Ruma, igħallimhom ftit taljan u ingliż,u kemm-il-darba xi żagħżugħ tiġih ir-rieda li jitgħallem ilsien ieħor barrani, kien joqgħod b'sabru jurih, ifiehmu, u jgħallmu. Ma għandniex xi ngħidu, iż-żgħażagħ bdew iħobbuh b'imħabba ta' wlied, u mill-ħabba li jħassel minnhom, kien jaqla' l-għajxien.

Ma' din il-ġemgħa żgħażagħ dejjem kien jara kif jiddeffes daqsxejn ta' tfajjel, liebes mill-aħjar u mix-xeħta tiegħu xejn ma jtik taħseb li hu bin l-egħlieqi jew bin il-faqar: xagħ-

ru mfelfel lewn id-deheb, għajnejh sbieħ u-kbar, u moħħu kien jidher iwassal aktar minn ta' l-oħrajn, għad li ċkejken. Hu kien jidher miġbud sħiħ lejn Toninu, jiġri miegħu qisu dellu, ikellmu bil-ħlewwa tat-tfal għalkemm drabi kliemu donnu l-kliem ta' wieħed kbir. U Toninu, min-naħa l-oħra, kien iħallas l-imġiba tajba tiegħu billi, b'sabar kbir li kienu jtuh il-ħamsin sena li kellu, kien joqgħod, minsub miegħu taħt xi ħajt delli, igħallmu t-taljan, ilsien li t-tifel kien iħobb bosta u li hu malajr qabad.

Darba, kien is-Sibt, waqt li fix-xgħila ta' ħsiebu u ta' kliemu Toninu, imsaħħan u mbergħen, kien igħid lit-tifel fuq iż-żmenijiet imħarbta ta' Neruni meta dan, qalb iebsa żonqor, kien għors tiegħu jsawwat, ibiċċer, jaħqar, u joqtol l-insara, iċ-ċkejken deher xi ftit ħsiebu band'oħra u, kif l-ieħor waqaf mit-taħdita twila, staqsieh iħares ħosbien lejh:

—Għax ma tasalx wasla sa għand missieri?

—Missierek? stagħġeb Toninu; missierek? min hu?

—Il-Markiż Cassar Desain.

Toninu, lubien fi ħsiebu, ħares fiss, bħal wieħed li ma emminx, f'wiċċ it-tifel, imbagħad bi tmejjila ta' ras qallu iva.

L-għada, il-Ħadd, ma' feġġ ix-xemx, b'żewġ kotba taħt għabtu, Toninu qabad it-trieq għall-villa tal-Markiż. Kien jum mill-aħjar ta' Lulju hekk sabiħ li r-raħal ħareġ minn filgħodu kmieni bi ħġaru; ix-xemx, *l'astro maggiore dell'universo*, kif sejħilha poeta taljan, kienet għadha qed tixref minn bejn l-aħdar fil-bogħod ta' l-egħlieqi u l-ikħal nir u l-aħmar dagħmieni tas-sema mraxxax minn deheb maħlul u rubini mfarrka, xħin mix-xerq faxx dawl għodwi kien igħarrar it-twieqi nodfa ta' villa sabiħa u l-wiċċ daħkani tal-Markiż li, waqt li jberraħ il-purtelli minn fejn kienet dieħla żiffa bierda u ħelwa, beda jsejjaħ lil martu Lwiża u ż-żewġ uliedu, ix-xbejba Geltrude, ġmiel ta' warda, u ċ-ċkejken Aldo li ma hemmx għalfejn ngħidu min hu għax il-qarrej jafu sewwa.

Geltrude, xebba li qabżithom it-tletin, merfugħa f'mixjitha imma mhix imkabbra, wieqfa u b'ħarsa li titlob serjetà, kellha bixra li tiġbdek, kliemha kien ħelu u jħollok. Hi waqqgħet b'saħħa l-qlajja' mxerrda minn tfajliet għajjura liriedu jżommu li hi ħabbet b'imħabba li tagħti xebh il-ġenn lil bin il-baruni Depiro, u dan ma għarafx, jew ma riedx, iwieġeb għassejħa ta' mħabbitha. Hu minnu li għaddiet xi mħabba bejn dawn it-tnejn, ix-xbejba u bin il-baruni, xi għaxar snin ilu, iżda s-sewwa hu li, billi hu ġietu l-ħajra li jkattar l-istudji tiegħu barra, kellu jitlaq minn Malta, u, kif igħid il-Malti,

"bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb". Wara li damu xi ftit iwieġbu l-ittri ta' xulxin, waqgħet ukoll il-bruda f'pinnithom, u bdew, issa tiddawwar ma tikteb il-waħda, issa jiddawwar l-ieħor, sa ma nħabbithom intemmet fix-xejn.

Il-Markiż qagħad bil-qiegħda fuq siġġu tad-dirgħajn ħdejn martu, ħaddejh donnhom mimlija bid-dawl għodwi, u qabad ikellimha, qishom żewġ għarajjes friski, fuq ix-xemx, ix-xefaq, l-egħlieqi u sbuħithom. Geltrude xirfet fit-tieqa u b'mewġa ta' hena ġo qalbha, qagħdet titgħaxxaq b'dik il-medda raba', bil-ħarġa siġar fit-trieq li sserrep bejn għalqa u oħra, u bl-għana ħlejju tal-għasafar li donnu nixxiegħa tfawwar minn bur, ma kien jehda qatt; u Aldo, b'ħarstu mixgħula bil-ferħ ta' ċkunitu, intasab minn tulu fl-art fuq tapit bellusi mżewwaq bi lwien igħajtu u sbieħ. fejn, b'sengħa kbira, kien hemm minsuġa d-dehra ta' nofs qamar tal-fidda ġo sema lewn griż kaħlani.

—Il-lum taf li għandu jiġi, papà, beda jgħid imbagħad Aldo; dak ir-raġel xwejjaħ li qed igħallimni t-taljan?

—Iva; dak ir-raġel li semmejtli l-bieraħ hux? saqsa l-Markiż.

—U xħin qallek li jiġi? żiedet is-sinjura Lwiża.

—Ma nafx, qalli biss li jiġi, reġa' t-tifel.

—U x'għidt li jismu? saqsiet Ġeltrude biex, hi wkoll, tkun qalet xi ħaġa.

—Toninu.

Waqt li din it-taħdita kienet sejra, Toninu kien wieqaf quddiem biebhom jaqra biċċa kitba daqsiex imnaqqxa firram: Markiż Cassar Desain. Ftit wara qabad il-ħabbata tleqq kif mewġa dija tax-xemx kienet tilma fuqha, u ħabbat kemm jista' jkun bil-mod, imma għat-taħbita tiegħu, ħadd ma wieġeb; reġġa' t-taħbita aktar bil-qawwi u mbagħad sama' l-ġiri fit-taraġ u agħjat ta' "għaddi! għaddi!" taċ-ċkejken Aldo.

Biex ma ntawlux Toninu ġie milqugħ tajjeb wisq minnhom u talbuh biex ikompli magħhom kif niżlu għall-mejda, u hu donnu ma setax isib kliem biex ifisser it-tqanqil ħelu ta' qalbu u jiżżiħajr lilhom għal li għamlu miegħu. Ilbiesu kien fqir, u għall-ewwel staħa jidher b'dik ix-xeħta fqira quddiemhom, imma meta rahom ikellmuh bid-dħulija bħalkieku wieħed minnhom u ra li ħsiebhom ma kienx fil-faqar tiegħu, għamel il-ħila lilu n-nifsu, nesa għal kollox faqru, u qabad jitħaddet magħhom, isemmilhom fuq ħajtu mgħoddija, fuq l-edukazzjoni li rawwem meta kien l-Italja, l-istudji li għamel, u l-ġibda kbira għal-letteratura li kellu, Geltrude qagħ-

det b'wiċċha bejn idejha u b'ħarsitha f'għajnejh, tisma'; Aldo, bil-ħlewwa taċ-ċkejknin, qagħad jitbissem fuq imgħallmu; is-sinjura Lwiża, mistrieħa u mgħaxxqa fuq pultruna, qagħdet hija wkoll tisma', għalkemm ħabtiet ikun se jitilgħelha; u l-Markiż iqejjes il-kamra b'passi mgħaġġla, ma kienx qed jistagħġeb ftit meta għaraf li dan il-bniedem għaref, ta' ħila li ma beżgħetx mill-ħabs u mill-mewt, u li darba ismu kien miqjum u mweġġaħ bosta, hu dak l-istess wieħed li kien jara, mikdud u fqajjar, għajnejh mixrubin u mnikkta, sejjer filgħodu kmieni lejn Bormla jew dieħel f'xi għalqa jaħdem ma' l-ibdiewa, joħortilhom il-weraq, ilaqqmilhom is-siġar, jew jirgħalhom il-merħla.

Minn dak in-nhar il-quddiem Toninu sar midħla sewwa tad-dar tal-Markiż; u dejjem jiġri, sa minn sbieħ Alla, ġo darhom, ikellimhom, jurihom u jfehemhom fuq l-egħġubijiet li jsaħħru l-iljieli sajfija, fuq ix-xitel kif jissawwar u jikber, fuq il-friefet u n-naħal, kif huma jieħdu mill-ward dak it-trab tad-deheb imbagħad, jittajru fuq ward ieħor, imorru jfarfruh hemmhekk. Barra minn dan, l-għors tiegħu kien meta jagħti l-lezzjonijiet ta' l-ilsna lis-sbejħa Geltrude li, imġibtu l-ħelwa u għamilu t-tajjeb, laqtuha bosta u, bil-ħabi, bdiet tħoss bħal ħaġa tagħfsilha qalbha, tmissilha ruħha : ngħiduha bla nitnikkru, dik il-ħbiberija tagħhom seħħet imbagħad f'imħabba. Ma għandniex xi ngħidu l-omm u l-missier ħadmu ħafna biex dik l-imħabba ma żżidx; iżda kemm tqarrqu bl-ikrah! Ma kinux jafu jewwilla li meta l-imħabba tkun ġejja mill-qalb ma jistax ikun li titħassar ?

Fil-villa tiegħu, villa mibnija fuq għaqba għariba kif taqbad Ħal Tarxien, bla djar fejnha, biss raba' u ħdura, imbewsa minn l-oħla mewġa dawl tax-xemx hi u tielgħa, imħarsa mis-siġar ħodor li telgħu ħdejha u mid-dwieli mtaqqla b'egħnieqed tal-għeneb, li jixxabbtu mal-ħitan tal-ġonna tagħha, wara għoxrin sena ta' ħajja ħienja, bla qatt riħ in-niket ma nefaħ fuqha, aħna stajna naraw lis-Sur Tonin Bellizzi, raġel qrib is-sebgħin, qalbu miftuħa għal kull min jitlob l-għajnuna, u lis-sinjura Geltrude, bint il-Markiż, mistura dejjem fl-iswed, ħanina xejn inqas minn żewġha u idejha miftuħa ma' kulħadd, imma l-iżjed mal-foqra. Biex iferraħ xjuħithom il-Bambin ħallashom tal-ġid li għamlu, bi tfajla ħelwa u rżina, tagħti lemħa lil ommha fi xbubitha, tfajla, għandha t-tmintax il-sena tagħha u, ukoll, l-għarus. Qatt ma kisret fehmiet missierha u ommha, u dawn kienu jħobbuha daqs il-mimmi ta' għajnejhom.

Ġużi Chetcuti

# Kotba ġodda bil-Malti fl-1936

Fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Malti* għidna li s-sena 1936 ġiebet magħha riżq tajjeb għal-letteratura maltija u semmejna xi erba' kotba li kienu ħarġu fl-ewwel tliet xhur ta' din is-sena u għidna xi ħaġa fuqhom.

Issa quddiemi għandi sitt kotba oħra minn din ix-xorta—kotba mill-aħjar u li jagħmlu ġieħ lill-ilsien malti—li ħarġu ma' tul it-tieni tliet xhur ta' din is-sena ta' riżq għal-letteratura maltija u li jiena rrid ingħid xi ħaġa fuqhom mill-aħjar li nista' u fil-qosor kemm jista' jkun.

Għandi quddiemi sitt kotba sbieħ li jagħmlu mhux inqas minn 600 faċċata ta' qari ta' fejda u li għadilli huma ta' daqs u ta' xejra mżewqa, fuq soggetti u bi stil wieħed mhux bħall-ieħor (Proża, poeżija—kitba ta' tagħlim, mogħdija taż-żmien,talb eċċ) huma l-koll marbuta fl-imkien b'rabta qaddisa : marbuta flimkien bl-ilsien li huma miktuba bih, b'dik il-kelma

> Safja, ħelwa, sabiħa
>
> ............................
>
> kif dari l-Belt, kif għadek
> fir-rħula l-lum tismagħha,
> bla xniexel fuq sidirha
> fqajra, 'mma kollox tagħha.
>
> (PROF. A. CUSCHIERI).

u din il-kelma hi mlibbsa libsa waħda, tifsila waħda: l-ortografija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*

*L-Oqbra* ta' UGO FOSCOLO. Daħla, qlib u tifsir—u bi żjieda ta' DUN KARM pp. 64. Stamperija tal-Gvern.

L-ewwel xogħol li rridu nsemmu huwa l-qlib bil-Malti ta' *I Sepolcri* ta' UGO FOSCOLO. Ma hemmx bżonn ingħidu li għadma iebsa bħal din ma setax jidħol għaliha ħlief DUN KARM, li b'qalb ta' sur u b'dehen u bi studju liema bħalhom żied il-qlib ta' *I Sepolcri* mal-wieħed u sittin qalba tiegħu u żied il-lsien malti mat-tnax l-ilsna l-oħra li bihom huwa maqlub.

Għadma iebsa, għax *I Sepolcri* ma tifhmux kif ġieb u laħaq. In-noti, iżda, miżjuda fil-qiegħ ta' kull faċċata

(iżjed minn nofsha, b'tipi rqaq ifehmuk sa l-inqas ħaġa l-ħsieb għoli, sbejjaħ u xi minn daqqiet iebes tal-Foscolo biex imbagħad, meta tifhem u tarġa' taqra, tkun tista' ttiegħem il-ħlewwa u s-saħħa tal-poeżija kif ukoll il-għerf tal-kittieb ta' *I Sepolcri* u ta' min qalbu fil-lsien għażiż tagħna.

Għadma iebsa *I Sepolcri*; iżda fl-*Oqbra* ta' Dun Karm hemm xi jpatti bil-ħodon: il-versi sbieħ, mexxejja jnessuk kollox u meta tibda, mill-ewwel vers:

> "*Mid-dell tas-siġar*...................

sat-tliet mija u sebgħa u għoxrin wieħed, tibqa' taqra....

> .....*sakemm tibqa' x-xemx mis-sema tiddi*
> *fuq id-dmugħ u l-ħsarat ta' ġens il-bniedem.*

A. Cremona *Il-Fidwa tal-Bdiewa.* Dramm b'ħames Taqsimiet u Dehra. pp. 162. *Empire Press.*

Is-sur Nin Cremona, ħareġ dramm bil-Malti f'ħames atti miktub versi għal fuq il-palk li hu kien kiteb tnejn u għoxrin sena ilu, jismu *Il-Fidwa tal-Bdiewa.* Dan id-dramm (li nistgħu ngħidu hu l-ewwel wieħed minn din ix-xorta, miktub versi maltin) hu minsuġ fuq biċċtejn mill-isbaħ ġrajja ta' l-istorja ta' Malta. (għad li ftit insibu miktub fuqhom): meta l-Maltin fdew lil Arthom bi 30,000 fjorin mill-ħakma ħażina ta' Monroy u meta, fl-istess żmien, bil-għajnuna tas-sema, rebħu u ħarrbu 18,000 ruħ Barbrin li ħabtu għall-Għejjer tagħna u għamlu fihom ħsarat kbar.

Il-versi ta' Cremona ma hemmx għal fejn infaħħruhom: lil Cremona kulħadd jafu għar-reqqa tiegħu fil-ħidma ta' kull xorta ta' versi, u l-endekasillabi ta' dan id-dramm jagħtuna prova oħra. Imbagħad *Il-bidu tal-Ġrajja*, versi settenarji akkoppjati, hija biċċa xogħol tassew sabiħa!

Iżda barra minn din is-sengħa fil-versi, dan ix-xogħol fih ukoll sengħa kbira fin-nisġa u fix-xogħol tad-dramm. Min jifli t-taqsim u l-insiġ tal-ġrajja, it-tifsil u t-tqegħid tax-xeni, il-karattru u d-deskrizzjoni tan-nies tal-ġrajja—sa fl-inqas ċaqliqa ta' għajnejhom—jagħraf li, fil-palk, is-sur Cremona mhux biss dilettant kbir iżda mgħallem mill-aħjar.

Ħaġ'oħra. Għad li maħruġ il-lum, *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ma hux ħaġa ġdida għal kollox għalina. Fil-kunċert Malti

li għamlet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* fit-Teatru Manoel (fit-3 ta' Frar, 1923) kienu saru biċċtejn minnu li kienu ngħoġbu kemm jista' jkun. Kienet għamlithom il-Kumpanija Teatrali ta' l-Iskejjel tal-Gvern. F'dan il-kunċert kienu hemm ukoll xi ftit mill-għana malti miktub għal dan id-dramm u li issa s-sur Cremona qiegħed ukoll fl-aħħar ta' dan il-ktieb.

Pad. Lett. Pawl Tabone c. f. m.—*Ward jew Xewk* pp. VIII+198. *Empire Press.*

Patri Tabone ħareġ ktieb sabiħ għall-ommijiet u l-misserijiet sabiex jagħarfu jrabbu tajjeb lil uliedhom. It-tfal tal-lum huma l-misserijiet u l-ommijiet ta' għada u għalhekk in-nies li jridu jgħaqqdu din in-nazzjon Maltija. Min ma jarax, għalhekk, il-ħtieġa ta' tagħlim sod u ta' eżempi tajba? U min iżjed mill-ommijiet u l-misserijiet jista' jagħti dan it-tagħlim u dawn l-eżempji t-tajba? Dan il-ktieb—li hu miktub b'malti sabiħ u mexxej, b'ortografija tajba—imissu jidħol b'kull dar u jinqara u jittiegħem minn kull min għandu taħt idejh it-torbija ta' dawk li għad irid ikollhom f'idejhom l-aqwa responsabillitajiet tal-pajjiż.

*Il-Ġmiel tad-Dinja.* Miktub minn C. Midgley u G. A. Cilia. pp. 56 *Exeter.*

Is-Sur G. A. Cilia ta' l-Iskejjel tal-Gvern tana ktieb ieħor ta' ġjografija mill-ingliż ta C. Midgley,—miżjud u mqiegħed għal idejn it-tfal Maltin. Jismu l-*Ġmiel tad-Dinja* u hu l-ewwel tagħlim, jew biex ingħiduha bi kliem ieħor, daħla għat-tagħlim tal-Ġjografija. Miktub bi stil ħafif u mexxej, fi lsien it-tfal li jridu jitgħallmu u li għad ma jafux ilsna oħra biżżejjed biex jitgħallmu permezz tagħhom, u mżewwaq bi stampi u disinji li jġigħluk tifhem—dan il-ktieb hu ta' l-iżjed fejda għat-tfal ta' l-iskola. Nifirħu lid-Dipartiment tat-Tagħlim li ħaseb għal dawn il-kotba sbieħ u meħtieġa għat-tagħlim tat-tfal u lis-Sur Cilia, li b'sabar kbir, qagħad iħejjihom u jżewwaqhom għal idejn it-tfal.

*Ġabra żgħira ta' Talb u Tagħlim*—pp. 78 *Oxford University Press.*

Id-Dipartiment tat-Tagħlim ħareġ ukoll ktieb ieħor bil-Malti ta' ħtieġa kbira, din id-darba mhux biss għat-tfal iżda

għal kulħadd: *Ġabra żgħira ta' talb u tagħlim.* Ktieb imdaqqas ta' 78 faċċata mimli talb ta' ħtieġa u fosthom il-quddiesa, it-*Te Deum*, antifoni l-litanija. Dawn li semmejna mhux biss bil-Latin iżda bil-Malti wkoll biex wieħed ikun jista' jifhem u jixtarr dak il-għana u dak it-talb qaddis.

A. V. Vassallo—*Dell ta' l-Imgħoddi* pp. 40 *Empire Press.*

Is-Sur A. V. Vassallo ħaseb biex jiġbor il-poeżijiet tiegħu stampati, flimkien ma' xi oħrajn li kienu għadhom ma rawx id-dawl, u semmiehom *Dell ta' l-Imgħoddi.*

Naħsbu li ma semmihomx ħażin: il-poeżijiet tiegħu, jew għall-inqas, il-biċċa l-kbira, jibku l-imgħoddi, għax donnu, għal kulħadd, iż-żmien l-imgħoddi aħjar minn dak li nkunu fih. Laqtitna ħafna, fost dawn il-poeżijiet, *Dehra ta' Żminijietna* fejn ixebbah

id-dinja nħasa kbira, wiesgħa, għammieqa
Li fiha....
Ibaqbaq lejl u nhar id-demm tal-ħajja;

imbagħad jibki l-warrani:

Dak kien żmien ieħor: żmien li fih il-bniedem
Kien jitolb u kien jaqla',

u jqabblu ma' tal-lum:

Il-lum.....
Misserijiet bla xogħ'l jisħtu 'l uliedhom,
L-ulied li ġew fuq qalbhom;
u ommijiet bla ġieħ, bil-biża' f'qalbhom
Jixtiequ jgħattu l-ħtijiet kbar, moqżieża
Bi ħtijiet akbar:

versi sbieħ u li joqtlu!

Aħna nifirħulu bil-qalb u nixtqulu jissokta.

Dawn huma l-kotba bil-Malti, miktuba bl-ortografija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* li ħarġu f'dawn l-aħħar tliet xhur. Nittamaw li sa tliet xhur oħra jkollna daqshom oħra fuqiex nitkellmu.

F. S. C.

# Konkors ta' Poeżiji

# għal Almanakk "Pronostku Malti", 1937

Id-Ditta GIOV. MUSCAT din is-sena, sabiex iżjed tqawwi l-qalb tal-kittieba tal-poeżija maltija, tgħarraf li tati sitt premijiet wisq isbaħ u ogħna minn dawk tas-snin ta' qabel, għall-aħjar sitt poeżiji li jintbagħtulha għall-Almanakk "Pronostku Malti" tas-sena 1937.

Il-premijiet huma dawn :—

L-Ewwel Premju – Klamar bil-kalendarju perpetwu ta' ġmiel kbir u ta' valur;

It-Tieni Premju — Fountain Pen tad-deheb kollha (14 il-karat);

It-Tielet Premju — Kaxxa tad-disinn mgħammra b'kollox;

Ir-Raba' Premju — New Standard Illustrated Dictionary (l-aħħar edizjoni);

Il-Ħames Premju — Wieħed-u-għoxrin (21) Rumanz bit-taljan ta' Saverio de Montepin;

Is-Sitt Premju — Dante Vivo ta' Papini.

KONDIZJONIJIET : —

1) Il-poeżiji jistgħu jkunu fuq qwalunqwe suġġett;
2) Il-poeżiji hemm bżonn ikunu kemm jista' ikun fil-qosor;
3) Il-poeżiji jridu jkunu miktubin bl-ortografija TAL-GĦAQDA;
4) Hemm żmien sabiex jintbagħtu 'l-poeżiji sal-15 t'Awwissu;
5) Il-poeżiji li jintbagħtu ma' jintatawx lura;
6) Il-poeżiji li ma jieħdux premju jistgħu wkoll jiġu ippublikati mingħajr ebda ħlas;
7) Jekk l-eżaminaturi jidhrilhom li waħda jew aktar minn waħda fost *l-ewwel* sitt poeżiji ma jistħoqqilhiex premju, dan il-premju ma jkunx mogħti;
8) Id-deċiżjoni tal-Editur hija finali;
9) Il-poeżiji għandhom jintbagħtu lid-Ditta GIOV. MUSCAT, 48, Strada Mercanti, Valletta.